



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2013
COM(2013) 312 final

2013/0164 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 190 final}

{SWD(2013) 191 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Copernicus huwa l-isem il-ġdid tal-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja, GMES (Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà). Copernicus jew aħjar il-predeċessor tiegħu ġie stabbilit bħala programm tal-UE bir-Regolament tal-GMES (UE) Nru 911/2010. Dan ikopri l-attivitajiet kollha biex tkun żgurata provvista mingħajr interruzzjoni ta' dejta u informazzjoni preċiżi u affidabbli dwar kwistjonijiet ambjentali u kwistjonijiet ta' sigurtà lill-utenti responsabbli għat-tfassil tal-politika, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Copernicus għandu l-għan li jipprovdi lill-Ewropa b'aċċess kontinwu, indipendenti u affidabbli għal dejta u informazzjoni ta' osservazzjoni. L-investiment tal-UE għandu l-għan li jneħħi d-diskrepanzi fl-osservazzjoni, filwaqt li jipprovdi aċċess għall-assi eżistenti u jiżviluppa servizzi operattivi.

Copernicus huwa strutturat f'sitt Servizzi: il-monitoraġġ tal-Baħar, tal-Atmosfera, tal-Art u tat-Tibdil fil-Klima kif ukoll l-appoġġ għall-Emerġenza u s-Sigurtà. Copernicus juża dejta minn satelliti u sensuri fil-post bħal bagi, blalen jew sensuri tal-ajru li jipprovdu informazzjoni u tbsar ta' valur miżjud f'waqt u affidabbli għas-sostenn ta', pereżempju, l-agrikoltura u s-sajd, l-użu tal-art u l-ippjanar urban, il-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti, ir-reazzjoni għad-diżastri, it-trasport marittimu jew il-monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja.

Copernicus jikkontribwixxi wkoll għall-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku billi jagħti spinta lill-applikazzjonijiet kummerċjali (dawk li jissejħu servizzi downstream) f'haġna setturi differenti permezz ta' aċċess sħiħ u miftuħ għal prodotti ta' dejta u informazzjoni tal-osservazzjoni Copernicus. Huwa wiehded mill-programmi li għandhom jiġu pprovduti skont l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u ġie inkluż fl-inizjattiva tal-politika industrijali tal-Ewropa 2020, minħabba l-benefiċċji tiegħu għal firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni.

Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-isfruttament u t-tiġdid tal-infrastruttura spazjali żviluppata bil-fondi tal-UE u dawk intergovernattivi ma tistax tintlaħaq bl-aħjar mod mill-Istati Membri individwali minħabba l-ispejjeż imġarrba. Fil-qasam tal-osservazzjoni bbażata fl-ispażju għall-meteoroloġija operattiva, l-Istati Ewropej ġabru r-riżorsi tagħhom biex jiżviluppaw u jisfruttaw satelliti meteoroloġiċi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni u Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT). L-Istati Ewropej żviluppaw ukoll dimostraturi ta' satelliti ambjentali permezz tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew permezz ta' aġenziji spazjali nazzjonali. Madankollu, ma setgħux isibu mezz biex jikkooperaw fir-rigward tal-finanzjament tal-programmi operattivi sostnuti fil-qasam tal-monitoraġġ ambjentali. Il-ħtieġa għat-tkomplija ta' osservazzjonijiet bħal dawn qed issir kritika, meta wiehded iqis il-pressjoni politika dejjem tiżdied fuq l-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati fil-qasam tal-ambjent, is-sigurtà u t-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-ftehimiet internazzjonali.

Għas-servizzi b'kopertura pan-Ewropea u globali, l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-oġettivi tal-azzjoni proposta b'mod suffiċjenti, peress li l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri differenti jridu jiġu aggregati fil-livell Ewropew. Il-forniment ta' servizzi oħrajn (eż. mapep ta' emerġenza jew mapep tematiċi ta' monitoraġġ tal-art b'ambitu ġeografiku aktar limitat) jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-UE għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, ġestjoni iktar koerenti u ċentralizzata tad-dejta tal-input, minn sensuri bbażati fl-ispażju jew fil-post se tippermetti ekonomiji ta' skala.

It-tieni nett, provvista koordinata ta' servizzi ta' monitoraġġ tad-Dinja fil-livell tal-Istati Membri tgħin biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-

implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi. Hija biss l-informazzjoni komparabbli prodotta fil-livell tal-Istati Membri li tagħmel possibbli l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni ambjentali li f'ħa fna każijiet tindirizza problemi tasew mingħajr fruntieri u għalhekk problemi internazzjonali.

Barra minn hekk, azzjoni fil-livell Ewropew se toħloq ekonomiji ta' skala li jwasslu għal valur aħjar għall-flus pubbliċi. Azzjoni fil-livell tal-UE għalhekk twassal għal valur miżjud ċar.

Sa mill-bidu, il-finanzjament globali allokat għall-iżvilupp tiegħu mill-UE u l-ESA laħaq aktar minn EUR 3.2 biljun. Parti kbira mill-baġit tal-GMES kienet iddedikata għall-iżvilupp ta' satelliti ta' osservazzjoni: is-Sentinelli. Dan sar permezz ta' kontribuzzjoni mill-Kummissjoni ta' EUR 738 miljun għall-programm tal-komponent spazjali tal-ESA GMES (GSC).

Sal-aħħar tal-2013, Copernicus huwa ffinanzjat mit-tema spazjali tal-FP7 u l-GMES u l-programm tal-Operazzjonijiet Inizjali tiegħu. Peress li Copernicus se jkun lest biex jidħol fil-fażi operattiva tiegħu, huwa meħtieġ Regolament ġdid mill-2014 'il quddiem. B'mod konformi mal-oġġettivi tal-Komunikazzjoni "Aġenda ta' Simplifikazzjoni għall-QFM 2014-2020"¹, dan ir-Regolament il-ġdid se jiddefinixxi aħjar il-governanza tal-programm, b'mod partikolari r-rwol tal-Kummissjoni, l-oġġettivi tal-programm u l-indikaturi li se jippermettu monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tiegħu, u jiżgura tranżizzjoni bla xkiel mill-attivitajiet attwali. Ir-Regolament propost jinkludi wkoll dispożizzjonijiet għat-twaqqif ta' proċeduri finanzjarji proporzjonati b'mod partikolari għall-parti l-kbira tal-programm li għandha tiġi implimentata indirettament. Fil-kuntest ta' simplifikazzjoni u "regolamentazzjoni intelliġenti", għandu jiġi nnutat li Copernicus jimmira li jtejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni billi jipprovdni għodod ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-evidenza.

Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Baġit għall-Ewropa 2020", (COM (2011) 500 finali tad-29.06.2011) il-Kummissjoni indikat li minħabba l-limiti tal-baġit tal-UE, ġie propost li l-GMES jiġi ffinanzjat barra mill-qafas finanzjarju pluriennali fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020. Din il-proposta ġiet miċħuda mill-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu P7_TA(2012)0062 tas-16 ta' Frar 2012. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013, dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jipprevedu li l-programm għandu jiġi ffinanzjat taħt is-subintestatura 1a tal-qafas finanzjarju, b'livell massimu ta' impenji ta' EUR 3,768 miljun (prezzijiet tal-2011) li jridu jiġu stabbiliti fir-Regolament tal-QFP.

2. IR-RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Sa mill-ħolqien tal-Uffiċċju tal-GMES tal-Kummissjoni Ewropea fl-2006 kien fis-seħħ proċess kontinwu ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar il-GMES. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni, inniedi bil-Komunikazzjoni intitolata "Monitoraġġ globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): Mill-Kunċett għar-Realta'"², wassal l-ewwel nett għall-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2008 intitolata "Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u għas-Sigurtà (MGAS): Għal Qalbna Dinja iżjed Protetta"³. Saru aktar konsultazzjonijiet bi tħejjija għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-programm Ewropew ta' osservazzjoni

¹ COM (2012) 42 finali tat-8 ta' Frar 2012

² COM (2005) 565 finali tal-10 ta' Novembru 2005

³ COM (2008) 748 finali tal-11.12.2008

tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013)⁴ u l-Komunikazzjoni intitolata “Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES): L-Isfidi u l-Passi li Jmiss għall-Komponent Spazjali”⁵.

Mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-GMES fl-2010, il-konsultazzjoni tal-Istati Membri u l-utenti kompliet permezz ta’ korpi tat-tmexxija ġodda stabbiliti bir-Regolament innifsu: il-Kumitat tal-GMES u l-Forum tal-Utenti magħmul minn rappreżentanti tal-utenti tas-settur pubbliku.

Il-konsultazzjoni kkonfermat l-interess fil-Programm Copernicus u l-ħtieġa tiegħu, u – issa li fil-fatt sar programm tal-UE – tiffoka fuq għażliet ta’ disinn differenti, b’mod partikolari għas-Servizzi Copernicus. Il-partijiet interessati indikaw li d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u garantita tal-informazzjoni li ġejja mis-servizzi Copernicus hija l-pedament biex il-programm ikun suċċess u biex il-benefiċċji tiegħu jimmaterjalizzaw b’mod sħiħ.

Saret valutazzjoni tal-impatt fl-2011 u l-konklużjonijiet ewlenin ġew ippubblikati fid-Dokument SEC (2011) 867 finali tat-28.06.2011, li akkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, COM (2011) 500. Il-valutazzjoni tal-impatt issa ġiet adattata u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt ġew ikkunsidrati. Dak li nbidel mill-2011 huwa l-kunsiderazzjoni politika tal-utilità tal-finanzjament tal-programm Copernicus fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li issa huwa ż-żmien biex tagħmel proposta formali.

Għandu jiġi nnutat, madankollu, li din il-proposta kellha tiġi aġġustata mill-ġdid skont l-ammont miftiehem taħt il-limitu ta’ Qafas Finanzjarju Pluriennali, li naqqas il-proposta inizjali tal-Kummissjoni b’iktar minn EUR 2 biljun. Sabiex tippreserva l-għoti tas-servizz, il-Kummissjoni kellha tnaqqas l-iżviluppi ġodda fil-komponent spazjali għat-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-kapaċità ta’ osservazzjoni. L-ESA se tiegħu r-responsabbiltà għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss tas-Sentinelli.

Il-kwistjoni tal-proprjetà tal-assi tal-komponent spazjali ta’ Copernicus hija importanti u ma tistax titqies b’mod iżolat mid-drittijiet u r-responsabbiltajiet li tali proprjetà tagħti lill-proprjetarju. Il-proprjetarju għandu d-drittijiet kollha possibbli inkluż id-dritt għall-użu, it-trasferiment u r-rimi.

Biex jiġi ddeterminat jekk tiġix aċċettata s-sjieda tal-komponent spazjali, trid issir distinzjoni bejn żewġ fażijiet: Matul l-ewwel fażi, jiġifieri fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali preżenti, l-UE kienet biss kontributor tal-programm ESA b'rata ta' madwar 30 % u ma kellix fondi biżżejjed biex tiegħu r-rwol ewlieni sabiex tiffirma l-komponent spazjali ta' Copernicus. Barra minn hekk, il-fondi tal-UE kienu fil-biċċa l-kbira approprijazzjonijiet tal-FP7 u ma kinux imfassla biex jiffinanzjaw programm operattiv fuq bażi permanenti. Għalhekk, l-UE ma setgħetx tassumi s-sjieda matul din il-fażi. It-tieni fażi se tibda bil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Dan se jgħib bidla fundamentali billi l-UE se tkun tista' tiffinanzja kompletament ħafna mill-partijiet tal-komponent spazjali Copernicus, inklużi s-segment fl-art u l-ispejjeż tal-operazzjonijiet tas-satelliti.

⁴ COM (2009) 223 finali tal-20.5.2009. Ir-Regolament (UE) nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta’ monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) – ĠU L 276 tal-20.10.2010, paġna 1.

⁵ COM (2009) 589 finali tat-28.10.2009

F'dan il-kuntest il-ġdid, kif imsemmi fl-Artikolu 19, jeħtieġ li tiġi rriveduta s-sjieda tas-satelliti. Ir-Regolament jipprevedi l-għażla li l-UE jew korp jew fond magħżul b'mod speċifiku jista' jieħu s-sjieda mill-ESA. Fid-dawl tat-trasferiment tas-sjieda, jeħtieġ li l-għażliet jiġu vvalutati, billi jitqisu l-fatturi rilevanti inklużi l-operazzjoni tas-satelliti; is-sjieda legali tad-dejta; il-kundizzjonijiet ta' aċċess tad-dejta; u l-valur tal-assi. Dawn l-għażliet se jitqisu biss jekk l-iżvantaġġi tas-sjieda tal-UE jidhru li qed jegħlbu l-vantaġġi tagħha. It-trasferiment tas-sjieda mill-UE tista' ssir biss permezz ta' att delegat.

Tista' titqis ukoll l-għażla ta' skema ta' xiri ta' dejta.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

B'kunsiderazzjoni għall-Artikolu 189 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-proposta hija għal Regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Copernicus. Dan jiffoka fuq l-aspetti ewlenin li ġejjin

- (1) Bidla fl-isem għal Copernicus;
- (2) Governanza tal-GMES fil-fażi operattiva tiegħu, bil-għan li jippermetti lill-Kummissjoni tiddelega l-attivitajiet lil numru ta' operaturi;
- (3) Finanzjament bejn l-2014 u l-2020.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja din il-proposta għal Regolament tistabbilixxi approprjazzjonijiet indikattivi baġitarji, li huma kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali 2014 - 2020, b'livell massimu ta' impenji ta' EUR 3 786 miljun, fi prezzijiet tal-2011, ekwivalenti għal EUR 4 291 miljun fi prezzijiet attwali.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex jintlaħqu ċerti objettivi stipulati fil-proposta.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁷,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) kienet inizzjattiva għall-monitoraġġ tad-Dinja mmexxija mill-Unjoni u mwettqa bi sħubija mal-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). L-oriġini tal-GMES tmur lura għal Mejju 1998, meta l-istituzzjonijiet involuti fl-iżvilupp ta' attivitajiet spazjali fl-Ewropa għamlu dikjarazzjoni konġunta magħrufa bħala "Il-Manifest ta' Baveno". Il-Manifest talab impenn fit-tul għall-iżvilupp ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali bbażati fl-ispazju, permezz tal-użu tal-ħiliet u t-teknoloġiji Ewropej, u l-iżvilupp ulterjuri tagħhom. Fl-2005, l-Unjoni għamlet l-għażla strateġika li tiżviluppa kapaċità indipendenti Ewropea ta' osservazzjoni tad-Dinja biex tippovdi servizzi fl-oqsma ambjentali u tas-sigurtà⁸, li finalment irriżultaw fir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013)⁹.
- (2) Copernicus għandu jitqies bħala kontribuzzjoni Ewropea għall-bini tas-Sistema tas-Sistemi Globali tal-Osservazzjoni tad-Dinja (GEOSS) żviluppata fil-qafas tal-Grupp fuq l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO).
- (3) Abbażi tar-riżultati ta' din l-inizzjattiva, ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 stabbilixxa l-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u r-regoli għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet inizjali tiegħu.
- (4) Filwaqt li l-programm stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 għandu jkompli skont il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, l-akronimu "GMES" għandu

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ COM(2005) 565 finali tal-10 ta' Novembru 2005.

⁹ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1.

jinbidel għal “Copernicus” biex jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-pubbliku in ġenerali. Il-Kummissjoni rreġistrat il-marka kummerċjali biex tkun tista’ tintuża mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tiġi liċenzjata lil utenti interessati oħrajn, b’mod partikolari lill-fornituri ta’ servizzi ewlenin.

- (5) L-oġġettivi tal-programm Copernicus huma li jipprovdi informazzjoni preċiża u affidabbli fil-qasam tal-ambjent u s-sigurtà, imfassla skont il-bżonnijiet tal-utenti u li tappoġġja politiki oħra tal-Unjoni, b’mod partikolari rigward is-suq intern, it-trasport, l-ambjent, l-enerġija, il-protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi u l-ġhajna umana. Dan jibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti fl-Ewropa, kumplimentati minn assi ġodda żviluppati b’mod komuni.
- (6) Il-programm Copernicus għandu jiġi implimentat b’mod konsistenti ma’ strumenti u azzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni, b’mod partikolari azzjonijiet ambjentali u tat-tibdil fil-klima, u strumenti fil-qasam tas-sigurtà, il-protezzjoni tad-dejta personali, il-kompetittività u l-innovazzjoni, il-koeżjoni, ir-riċerka, it-trasport, il-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali, mal-programm Ewropew tas-Sistemi Globali ta’ Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS). Id-dejta Copernicus għandha tkun koerenti mad-dejta ta’ referenza spazjali tal-Istati Membri u tappoġġja l-iżvilupp tal-infrastruttura għall-informazzjoni spazjali fl-Unjoni stabbilita bid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire)¹⁰. Copernicus għandu jikkumplimenta wkoll is-Sistema Komuni ta’ Informazzjoni Ambjentali (SEIS) u l-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-rispons ta’ emerġenza.
- (7) Copernicus huwa programm li għandu jiġi pprovdut skont l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dan għandu jkun ta’ benefiċċju għal firxa wiesgħa ta’ politiki tal-Unjoni u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi ta’ Ewropa 2020, b’mod partikolari billi tiġi żviluppata politika spazjali effettiva li tipprovdi l-istrumenti biex jiġu indirizzati uħud mill-isfidi globali ewlenin u jintlaħqu l-miri dwar it-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà tal-enerġija.
- (8) Il-programm Copernicus għandu jibbenefika mir-riżultati pprovduti minn Orizzont 2020, il-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2014-2020, b’mod partikolari permezz tal-attivitajiet tiegħu ta’ riċerka u innovazzjoni għal teknoloġiji u applikazzjonijiet futuri għall-Osservazzjoni tad-Dinja permezz ta’ telerilevament, teknoloġiji tal-ajru u fil-post, u dejta ta’ rispons għall-isfidi soċjetali l-kbar.
- (9) Sabiex jikseb l-oġġettivi tiegħu, il-programm Copernicus għandu jistrieħ fuq il-kapaċità awtonoma tal-Unjoni għall-osservazzjonijiet li jkun saru fl-ispazju u jipprovdi servizzi operattivi fil-qasam tal-ambjent, il-protezzjoni ċivili u s-sigurtà. Għandu jagħmel ukoll użu mid-dejta disponibbli pprovduta fil-post, jiġifieri, mill-Istati Membri. Il-forniment ta’ servizzi operattivi jiddependi fuq il-funzjonament tajjeb u s-sigurtà tal-komponent spazjali Copernicus. Ir-riskju dejjem jiżdied ta’ kollizzjoni ma’ satelliti oħrajn u residwu spazjali huma l-aktar theddida serja għall-komponent spazjali Copernicus. Għalhekk, il-programm Copernicus għandu jappoġġja azzjonijiet immirati biex inaqqsu dawn ir-riskji, b’mod partikolari billi jikkontribwixxi għall-programm stabbilit bid-Deċiżjoni [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta’ Appoġġ għas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju¹¹.

¹⁰ ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

¹¹ ĠU L , , p. .

- (10) Il-pakkett finanzjarju massimu meħtieġ għall-azzjonijiet Copernicus (2014-2020) huwa ta' EUR 3 786 miljun fi prezzijiet tal-2011, allokati f'kapitolu separat tal-baġit skont it-Titolu 2 tal-Intestatura 1a tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni. In-nefġiet tal-persunal u dawk amministrattivi mġarrba mill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tal-programm Copernicus għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.
- (11) Bil-ħsieb li jiġu mtejbja l-implimentazzjoni ta' Copernicus u l-ippjanar fit-tul tiegħu, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma annwali b'mod konformi mal-prijoritajiet, l-oġettivi u l-istrateġiji ta' pjan pluriennali,
- (12) Copernicus għandu jkun indirizzat għall-utent, u għalhekk jeħtieġ l-involviment kontinwu u effettiv tal-utenti, b'mod partikolari rigward id-definizzjoni u l-validazzjoni ta' rekwiżiti tas-servizz.
- (13) Id-dimensjoni internazzjonali ta' Copernicus hija ta' rilevanza partikolari fl-iskambju tad-dejta u l-informazzjoni, kif ukoll fl-aċċess għall-infrastruttura ta' osservazzjoni. Sistema ta' skambju bħal din hija aktar kosteffiċjenti minn skemi ta' xiri ta' dejta u ssaħħa id-dimensjoni globali tal-programm.
- (14) Il-Ftehim ŻEE u l-Ftehimiet ta' Qafas mal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi potenzjalment kandidati jipprovdu għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi oħrajn u organizzazzjonijiet internazzjonali għandha ssir possibbli billi jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali għal dan il-għan.
- (15) L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu liberi li jikkontribwixxu għall-programmi abbażi ta' ftehimiet xierqa.
- (16) Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà globali għall-programm Copernicus. Għandha tiddefinixxi l-prijoritajiet u l-oġettivi tiegħu u tiżgura l-koordinazzjoni u s-sorveljanza ġenerali tal-programm.
- (17) B'kunsiderazzjoni tad-dimensjoni ta' sħubija ta' Copernicus u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompetenza teknika, l-implimentazzjoni tal-programm għandha tiġi ddelegata lil entitajiet b'kapaċità teknika u professjonali xierqa.
- (18) Fl-implimentazzjoni tal-programm Copernicus, il-Kummissjoni tista' tistrieħ, fejn xieraq, fuq aġenziji kompetenti tal-Unjoni, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) jew kwalunkwe korp rilevanti potenzjalment eliġibbli għal delegazzjoni skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹².
- (19) Skont l-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-għażla ta' entitajiet (l-"operaturi") li l-Kummissjoni tista' tafdalhom kompiti ta' implimentazzjoni, għandha ssegwi proċedura trasparenti ġġustifikata b'motivazzjonijiet oġġettivi u ma għandhiex twassal għal kunflitt ta' interess. Minħabba n-natura partikolari tal-kompiti involuti, ġiet magħżula proċedura *ad hoc* ibbażata fuq sejħa għal espressjoni ta' interess biex jiġu identifikati l-aktar operaturi potenzjalment adatti biex ikunu fdati bil-ġestjoni indiretta tal-programm Copernicus.

¹² ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

- (20) L-operaturi tal-programm Copernicus għandhom ikunu suġġetti għal sorveljanza mill-Kummissjoni, filwaqt li jgawdu l-awtonomija meħtieġa biex jimplimentaw il-kompiti li jkunu fdati bihom. Huma għandhom jissottomettu programm ta' ħidma annwali lill-Kummissjoni permezz ta' rapport annwali ta' implimentazzjoni.
- (21) Huwa importanti li, sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 317 TFUE, il-Kummissjoni jkollha l-mezzi meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħha biex tissorvelja l-atti tal-entitajiet li tafda bil-kompiti ta' implimentazzjoni skont il-programm Copernicus. Dan ma jinkludix biss is-setgħat diġà mogħtija lilha mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, iżda wkoll il-possibbiltà li tagħti istruzzjonijiet lill-operatur u twestaq spezzjonijiet. B'mod partikolari, f'każ ta' urġenza jew ta' avvenimenti mhux mistennija, u f'kull sitwazzjoni oħra fejn l-operatur ma jkunx jista' jwestaq dawk il-kompiti, il-Kummissjoni għandha tkun tista' titlob id-delegazzjoni lura u taġixxi minflok l-operatur. L-eżerċizzju ta' din il-fakultà għandu jkun proporzjonali għall-għanijiet li għandhom jinkisbu u għalhekk il-ftehim ta' delegazzjoni għandu jiġi sospiż għaż-żmien meħtieġ biex jiġu mwettqa l-atti meħtieġa.
- (22) Sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' Copernicus fuq bażi sostenibbli, huwa meħtieġ li jiġu kkoordinati l-attivitajiet tad-diversi sħab involuti f'Copernicus, u li tiġi żviluppata, stabbilita u operata kapaċità ta' servizz u osservazzjoni li tissodisfa d-domandi tal-utenti. F'dan il-kuntest, kumitat għandu jassisti lill-Kummissjoni fl-iżgurar tal-koordinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għal Copernicus mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji intergovernattivi, billi jagħmel l-aħjar użu tal-kapaċitajiet eżistenti u jidentifika lakuni li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Għandu jgħin ukoll lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni koerenti ta' Copernicus.
- (23) Il-ħidma tal-operaturi li l-Kummissjoni tkun iddelegatilha il-kompiti għandha tiġi mkejla skont indikaturi tal-prestazzjoni. Dan jipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill indikazzjoni tal-progress tal-operazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-programm Copernicus.
- (24) Id-dejta u l-informazzjoni prodotti fil-qafas tal-programm Copernicus għandhom ikunu disponibbli għall-utenti fuq bażi sħiħa, miftuħa u mingħajr ħlas, sabiex jippromwovu l-użu u l-kondiviżjoni tagħhom, u sabiex jissaħħu s-swieq tal-osservazzjoni tad-Dinja fl-Ewropa, b'mod partikolari s-settur downstream, biex b'hekk jippermettu t-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi.
- (25) Kull meta l-aċċess jew l-użu ta' Copernicus jew ta' dejta jew informazzjoni minn partijiet terzi jista' jipperikola s-sigurtà tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jew jhedded ir-relazzjonijiet esterni tagħhom, il-Kummissjoni għandha tillimita d-disponibbiltà tagħhom jew tillimita l-liċenzji mogħtija.
- (26) Il-kwistjoni ta' proprjetà tal-komponent spazjali Copernicus hija importanti u ma tistax titqies b'mod iżolat mid-drittijiet u r-responsabbiltajiet li tali proprjetà tagħti lill-proprjetarju. Sabiex ikollha d-dritt għall-użu, it-trasferiment u r-rimi, l-Unjoni għandha ssir il-proprjetarju. Fil-każ tas-satelliti Sentinella, is-sjieda timplika b'mod partikolari d-dritt li tiegħu deċiżjoni fuq il-politika tad-dejta u li tmexxi l-implimentazzjoni tagħha, li tagħżel il-mudell ta' esplotazzjoni u l-operatur tas-Sentinelli, u li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi dwar, fost affarijiet oħra, qsim ta' dejta dwar is-satelliti.
- (27) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu kollu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew

użati ħażin u, fejn xieraq, penali amministrattivi u finanzjarji skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

- (28) Sabiex jiżdied il-valur ta' Copernicus għall-utenti, il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn rappreżentanti ta' utenti tan-nofs u utenti finali, esperti mill-Istati Membri, inklużi minn aġenziji nazzjonali rilevanti, jew minn esperti indipendenti.
- (29) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament rigward l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali, il-pjan pluriennali għall-perjodu 2014-2020 u l-miżuri għall-promozzjoni tal-konverġenza tal-Istati Membri fl-użu ta' dejta u informazzjoni Copernicus u l-aċċess tagħhom għat-teknoloġija u l-iżvilupp fl-Osservazzjoni tad-Dinja, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹³.
- (30) Sabiex l-Istati Membri jiġu infurmati u tiġi rrispettata l-imparzjalità fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri biex jippromwovu l-konverġenza tal-Istati Membri fl-użu ta' dejta u informazzjoni Copernicus u l-aċċess tagħhom għat-teknoloġija u l-iżvilupp fl-Osservazzjoni tad-Dinja. Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u l-pjan pluriennali għall-perjodu 2014-2020 peress li dak l-att jirrigwarda programm b'implikazzjonijiet sostanzjali.
- (31) Sabiex jiġu meqjusa riskji possibbli għas-sigurtà kif ukoll il-medda ta' frekwenzi u limitazzjonijiet tekniċi oħrajn, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' rekwiżiti tad-dejta meħtieġa għas-servizzi operattivi, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri rigward l-aċċess għal dejta u informazzjoni Copernicus u r-reġistrazzjoni u l-użu tagħha, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-trażmissjoni u l-użu ta' dejta satellitari trażmessa lil stazzjonijiet riċevituri li mhumiex parti mill-programm Copernicus u għall-arkivjar ta' dejta u informazzjoni Copernicus, il-kriterji tekniċi speċifiċi meħtieġa sabiex jipprevjenu t-tfixkil tas-sistema tad-dejta u informazzjoni Copernicus u l-kriterji għar-restrizzjoni tat-tixrid ta' dejta u informazzjoni Copernicus minħabba drittijiet konfliġġenti jew interessi ta' sigurtà, kif ukoll il-kriterji għat-twettiq tal-valutazzjoni tas-sigurtà. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (32) L-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati sabiex ikunu jistgħu jippermettu aġġustamenti mill-ġdid u evoluzzjonijiet ġodda.
- (33) Peress li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif tal-programm Copernicus, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li jinkludi wkoll il-kapaċità pan-Ewropea u jiddependi fuq l-ġhoti kkoordinati ta' servizzi fl-Istati Membri kollha li għandu jiġi kkoordinat fil-livell tal-Unjoni u jista' għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri,

¹³ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv.

- (34) Għalhekk, huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 911/2010 jiġi mħassar sabiex jiġi stabbilit qafas xieraq għall-governanza u l-finanzjament u sabiex jiġi żgurat programm Copernicus kompletament operattiv mill-2014 'il quddiem,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm tal-Unjoni ta' osservazzjoni tad-Dinja msejjaħ Copernicus u jistabbilixxi r-regoli għall-eżekuzzjoni tiegħu.

Artikolu 2

Objettivi ġenerali

1. Il-programm Copernicus għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali li ġejjin:
 - (a) il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġoti ta' appoġġ lill-protezzjoni ċivili u l-isforzi tas-sigurtà;
 - (b) l-appoġġ tal-istrateġija għat-tkabbir Ewropa 2020 permezz tal-kontribuzzjoni għall-oġġettivi ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; b'mod partikolari, għandu jikkontribwixxi għall-istabbiltà ekonomika u t-tkabbir billi jixpruna l-applikazzjonijiet kummerċjali.
2. Id-dejta u l-informazzjoni oriġinali prodotti minn osservazzjonijiet li jkunu saru fl-ispazju, kif ukoll minn dejta disponibbli fil-post ("dejta u informazzjoni Copernicus") għandhom ikunu preċiżi u affidabbli, ipprovduti fuq bażi fit-tul u sostenibbli, u li jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' komunitajiet ta' utenti ta' Copernicus. L-aċċess għal dik id-dejta għandha tkun sħiħa, miftuħa u mingħajr ħlas, soġġetta għall-kundizzjonijiet definiti f'dan ir-Regolament jew abbażi ta' dan ir-Regolament.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-komunitajiet ta' utenti ta' Copernicus huma definiti bħala dawk li jinkludu l-korpi Ewropej nazzjonali, reġjonali jew lokali fdati bid-definizzjoni, l-implimentazzjoni, l-infurzar jew il-monitoraġġ ta' servizz pubbliku jew politika fl-oqsma msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 4.
4. Il-kisba tal-oġġettivi msemmija fil-paragrafu 1 għandha titkejjel permezz tal-indikaturi tar-risultati li ġejjin:
 - (a) id-dejta u l-informazzjoni jkunu disponibbli skont ir-rekwiżiti rispettivi ta' ġoti ta' livell ta' servizz għall-ambjent, il-protezzjoni ċivili u s-sigurtà;
 - (b) il-penetrazzjoni fis-suq u l-kompetittività tal-operaturi downstream Ewropej..

Artikolu 3

Objettivi speċifiċi

1. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 2, il-programm Copernicus għandu jindirizza l-ħtiġijiet tal-utenti u jipprovi s-servizzi operattivi msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 4. Dan l-oġġettiv għandu jitkejjel bl-użu tad-dejta u l-

informazzjoni mkejla bil-progressjoni fl-għadd ta' utenti, bil-volum ta' dejta aċċessata u informazzjoni ta' valur miżjud, u bit-twessigħ tad-distribuzzjoni fl-Istati Membri;

2. Il-programm Copernicus għandu jipprovdi aċċess sostenibbli u affidabbli għall-osservazzjonijiet li jkunu saru fl-ispazju minn kapaċità awtonoma tal-Unjoni għall-Osservazzjoni tad-Dinja, u jibni fuq l-assi u l-kapaċitajiet eżistenti, filwaqt li jikkomplimentahom kull meta jkun meħtieġ. Dan l-oġjettiv għandu jitkejjel bit-tweġġ tal-infrastruttura spazjali f'termini tas-satelliti allokat u d-dejta li tipproduċi.

Artikolu 4

Ambitu tas-servizzi Copernicus

Is-servizzi Copernicus, kif imsemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 3 għandhom jinkludu:

1. Servizzi operattivi:

- (a) Is-servizz ta' monitoraġġ tal-atmosfera għandu jipprovdi informazzjoni fuq il-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea u l-kompożizzjoni kimika tal-atmosfera fuq skala globali. Dan għandu b'mod partikolari jipprovdi informazzjoni għas-sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fl-iskali lokali sa dawk nazzjonali, u għandu jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-parametri klimatiċi tal-kimika atmosferika;
- (b) Is-servizz ta' monitoraġġ tal-baħar għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-istat u d-dinamika ta' ekosistemi fiżiċi tal-oċean u tal-baħar għall-oċeani globali u ż-żoni reġjonali Ewropej;
- (c) Is-servizz ta' monitoraġġ tal-art għandu jipprovdi informazzjoni b'appoġġ għall-monitoraġġ ambjentali minn perspettiva globali sa dik lokali tal-bijodiversità, il-ħamrija, l-ilma, il-foresti u r-riżorsi naturali, kif ukoll fl-implimentazzjoni ġenerali ta' politiki tal-ambjent, tal-agrikoltura, tal-iżvilupp, tal-enerġija, tal-ippjanar urban, tal-infrastruttura u tat-trasport;
- (d) Is-servizz ta' monitoraġġ tat-tibdil fil-klima għandu jipprovdi informazzjoni biex tiżdied il-bażi ta' għarfien għall-appoġġ ta' politiki ta' adattament u mitigazzjoni. Dan għandu jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-provvista ta' Parametri Essenzjali tal-Klima (ECVs), l-analiżi tal-klima u projezzjonijiet fuq skali temporali u spazjali rilevanti għall-istrategġija ta' adattament u mitigazzjoni għad-diversi oqsma ta' benefiċċju settorjali u soċjetali tal-Unjoni;
- (e) Is-servizz ta' rispons ta' emerġenza għandu jipprovdi informazzjoni għal rispons ta' emerġenza rigward tipi ta' diżastri differenti, inklużi perikli meteoroloġiċi, perikli ġeofiżiċi, diżastri magħmula mill-bniedem intenzjonalment u aċċidentalment u diżastri umanitarji oħrajn, kif ukoll l-attivitajiet ta' prevenzjoni, thejġija, rispons u rkupru;
- (f) Is-servizz tas-sigurtà għandu jipprovdi informazzjoni b'appoġġ għall-isfidi tas-sigurtà tal-Ewropa biex jittejbu l-kapaċitajiet tal-prevenzjoni tal-kriżijiet, ta' thejġija u ta' reazzjoni, b'mod partikolari għal sorveljanza fuq il-fruntiera u marittima, iżda wkoll b'appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, permezz ta' individwazzjoni u monitoraġġ ta' theddid għas-sigurtà transreġjonali, valutazzjoni tar-riskju u sistemi ta' twissija bikrija, immappjar u monitoraġġ ta' żoni tal-fruntiera;

2. Attivitajiet ta' żvilupp li jikkonsistu fit-titjib tal-kwalità u l-prestazzjoni tas-servizzi operattivi, inklużi l-evoluzzjoni u l-adattament tagħhom, u fl-evitar jew il-mitigazzjoni tar-riskji operattivi;
3. Attivitajiet ta' appoġġ li jikkonsistu f'miżuri għall-promozzjoni tal-użu ta' servizzi operattivi minn utenti u l-użu ta' applikazzjonijiet downstream, kif ukoll attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid.

Artikolu 5 *Komponent spazjali*

Il-komponent spazjali Copernicus għandu jipprovdi osservazzjonijiet li jsiru fl-ispazju biex jintlaħqu l-oġettivi msemmija fl-Artikoli 2 u 3, li jservu primarjament lis-servizzi operattivi msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 4. Il-komponent spazjali Copernicus għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

- (a) Il-forniment ta' osservazzjonijiet li jsiru fl-ispazju, inkluż:
 - l-operazzjoni tal-infrastruttura spazjali Copernicus, inkluż governanza tas-satelliti, monitoraġġ u kontroll tas-satelliti, riċeviment u pproċessar, arkivjar u tixrid ta' dejta, u kalibrazzjoni u validazzjoni permanenti;
 - il-forniment ta' dejta fil-post għall-kalibrazzjoni u l-validazzjoni ta' osservazzjonijiet li jsiru fl-ispazju;
 - il-forniment, l-arkivjar u t-tixrid ta' dejta ta' missjoni li ssir fl-ispazju minn parti terza li tikkumplementa l-infrastruttura spazjali Copernicus;
 - il-manutenzjoni tal-infrastruttura spazjali Copernicus
- (b) Attivitajiet b'rispons għall-bżonnijiet li jevolvu tal-utenti, inklużi:
 - l-identifikazzjoni ta' lakuni ta' osservazzjoni u l-ispeċifikazzjoni ta' missjonijiet spazjali ġodda fuq il-bażi tar-rekwiżiti tal-utent.
 - żviluppi li jimmiraw lejn l-immodernizzar u l-ikkumplementar tal-komponent spazjali Copernicus, inkluż id-disinn u l-akkwist ta' elementi ġodda tal-infrastruttura spazjali;
- (c) Kontribuzzjoni għall-protezzjoni tas-satelliti kontra r-riskju ta' kollizzjoni.

Artikolu 6 *Komponent fil-post*

Il-komponent fil-post tal-programm Copernicus għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

- (a) koordinazzjoni u armonizzazzjoni tal-ġbir u forniment ta' dejta fil-post, forniment ta' dejta fil-post għas-servizzi operattivi, inkluża dejta fil-post minn parti terza fil-livell internazzjonali;
- (b) assistenza teknika lill-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tas-servizz għal dejta ta' osservazzjoni fil-post;
- (c) kooperazzjoni ma' operaturi fil-post għall-promozzjoni tal-konsistenza ta' attivitajiet ta' żvilupp relatati mal-infrastruttura u n-netwerks tal-osservazzjoni fil-post.

Artikolu 7

Finanzjament

1. Il-pakkett finanzjarju allokat għall-programm Copernicus għall-perjodu 2014 – 2020 għandu ammont massimu ta' EUR 3 786 miljun fi prezzijiet tal-2011.
2. L-appropriazzjonijiet għandhom jiġu awtorizzati kull sena mill-awtorità baġitarja fil-limiti stabbiliti fil-qafas finanzjarju pluriennali. L-impenji baġitarji għal attivitajiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu maqsuma fuq diversi snin f'rati annwali.
3. L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm Copernicus tista' tkopri wkoll spejjeż relatati ma' attivitajiet ta' thejġija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa direttament għall-ġestjoni tal-programm Copernicus u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, u b'mod partikolari studji, laqgħat, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, kif ukoll spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar ta' informazzjoni u l-iskambju ta' dejta. Ir-riżorsi allokat għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament jistgħu jikkontribwixxu wkoll b'mod proporzjonali biex ikopru l-komunikazzjoni istituzzjonali tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.
4. Il-kompiti fdati lil korpi oħrajn għandhom jkunu suġġetti għall-proċedura msemmiya fl-Artikoli 164 u 165 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 8

Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma għal kull sena tal-implimentazzjoni tal-programm Copernicus skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Dak l-att implimentattiv għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmiya fil-punt (3) tal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Kooperazzjoni mal-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-Istati Membri sabiex ittejjeb l-iskambju tad-dejta u l-informazzjoni bejniethom u żżid il-volum tad-dejta u l-informazzjoni disponibbli għall-programm Copernicus.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri biex tippromwovi l-konverġenza tal-Istati Membri fl-użu ta' dejta u informazzjoni Copernicus u l-aċċess tagħhom għat-teknoloġija u l-iżvilupp fl-Osservazzjoni tad-Dinja. Dawn il-miżuri m'għandux ikollhom l-effett li jgħawġu l-kompetizzjoni ħielsa. Dawk l-atti implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmiya fil-punt (2) tal-Artikolu 21.

Artikolu 10

Kooperazzjoni internazzjonali

1. L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, tista' tagħmel ftehimiet mal-pajjiżi terzi li ġejjin:
 - (a) il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħielsa (EFTA) li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE b'mod konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ŻEE;

- (b) il-pajjiżi kandidati, kif ukoll pajjiżi potenzjalment kandidati, skont il-Ftehimiet ta' Qafas rispettivi jew skont Protokoll għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni;
 - (c) l-Isvizzera, pajjiżi terzi oħrajn mhux imsemmija fil-punti (a) u (b), u organizzazzjonijiet internazzjonali, skont il-ftehimiet konklużi mill-Unjoni ma' dawn il-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, li għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għall-involvement tagħhom.
2. Il-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju jew kontribuzzjonijiet *in natura* għall-programm. L-appoġġ finanzjarju għandu jiġi ttrattat bħala dħul estern assenjat, skont il-punt 2 tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. L-appoġġ finanzjarju u l-kontribuzzjonijiet *in natura* għandhom ikunu ammissibbli skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim konkluż mal-pajjiżi terzi jew organizzazzjoni internazzjonali rispettiva.

Artikolu 11 *Ir-rwol tal-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà globali tal-programm. Għandha tiddefinixxi l-prijoritajiet u l-oġettivi tal-programm u tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari rigward l-ispiża, l-iskeda u l-prestazzjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tamministra, f'isem l-Unjoni u fil-qasam tal-kompetenza tagħha, ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, filwaqt li tiżgura l-koordinazzjoni tal-programm Copernicus ma' attivitajiet fil-livelli nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali.
3. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri mmirati lejn l-ġoti operattivi ta' servizzi u d-disponibbiltà fit-tul tad-dejta mill-infrastrutturi ta' osservazzjoni meħtieġa biex jiġu operati s-servizzi.
4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u l-konsistenza tal-programm Copernicus ma' politiki, strumenti, programmi u azzjonijiet oħrajn rilevanti tal-Unjoni.
5. Il-Kummissjoni għandha żżomm involviment u konsultazzjoni trasparenti u regolari mal-utenti, sabiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti tal-utent fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 dwar l-istabbiliment tar-rekwiżiti tad-dejta meħtieġa għas-servizzi operattivi, filwaqt li tipprovdi għall-evoluzzjoni tagħhom.
7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-finanzjament tal-programm Copernicus.

Artikolu 12 *Operaturi*

1. Il-Kummissjoni tista' tafda, parzjalment jew kompletament, fejn ikun debitament ġustifikat min-natura speċjali tal-azzjoni u l-kompetenza speċifika tal-korp tal-

Unjoni, il-kompiti tal-implimentazzjoni deskritti fl-Artikolu 4 lil korpi kompetenti tal-Unjoni. Fost dawn l-aġenziji hemm:

- (a) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA);
 - (b) l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX);
 - (c) l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA);
 - (d) iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC).
2. L-għażla tal-korp tal-Unjoni għandha tqis il-kosteffiċjenza li jiġu fdati daww il-kompiti u l-impatt fuq l-istruttura ta' governanza tal-korp u fuq ir-riżorsi finanzjarji u umani tiegħu.
 3. Il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati b'mod eċċezzjonali f'idejn il-korpi kompetenti tal-Unjoni taħt dan l-Artikolu, għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma ta' dan il-korp tal-Unjoni għall-finijiet tal-informazzjoni.
 4. Il-Kummissjoni tista' tafda, parzjalment jew kompletament, lill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), il-kompiti ta' żvilupp tal-komponent spazjali deskritti fil-punt (b) tal-Artikolu 5.
 5. Il-Kummissjoni tista' tafda, parzjalment jew kompletament, il-kompiti operattivi tal-komponent spazjali deskritti fil-punt (a) tal-Artikolu 5 lill-ESA u lill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT).
 6. Il-Kummissjoni tista' tafda, parzjalment jew kompletament, l-attivitajiet tal-komponent fil-post deskritti fl-Artikolu 6 lill-operaturi tas-servizzi deskritti fl-Artikolu 4.

Artikolu 13 *Għażla tal-operaturi*

1. Bl-eċċezzjoni tal-operaturi identifikati fl-Artikolu 12, il-Kummissjoni għandha tagħżel l-operaturi li tiddelega lilhom il-kompiti li għandhom jiġu implimentati skont il-proċedura deskritta fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess għall-operaturi potenzjali. Dik is-sejħa għandha tinkludi l-kriterji ta' esklużjoni u ta' għażla skont il-proċedura stabbilita hawn taħt.
3. Il-Kummissjoni għandha tiftaħ djalogu mal-entitajiet li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla b'mod trasparenti, oġġettiv u mingħajr ma twassal għal kunflitt ta' interess. Wara d-djalogu, il-Kummissjoni għandha tiffirma ftehimiet ta' delega mal-entità jew l-entitajiet li jkollhom esperjenza ppruvata u kapaċità operattiva u finanzjarja.
4. Il-Kummissjoni tista' tibda negozjati diretti qabel l-iffirmar tal-ftehimiet ta' delega mal-entitajiet elenkati fl-Artikolu 12, jew f'każijiet eċċezzjonali debitament iġġustifikati u dokumentati kif suppost, b'mod partikolari meta:
 - (a) ma jkunx ġew ippreżentati l-ebda proposti xierqa wara sejħa ta' espressjoni ta' interess għall-operaturi potenzjali;
 - (b) il-kompiti li għandhom jiġu implimentati jkollhom karatteristiċi speċifiċi li jeħtieġu operatur partikolari minħabba l-kompetenza teknika tiegħu, il-grad għoli ta' speċjalizzazzjoni tiegħu jew is-setgħa amministrattiva tiegħu;

- (c) għal raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux mistennija li mhumix attribwibbli lill-Unjoni, il-konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tikkomprometti indebitament l-eżekuzzjoni tal-kompiti li għandhom jiġu implimentati.

Artikolu 14

Supervision of operators

1. Kompiti addizzjonali mhux previsti fil-ftehim ta' delega għandhom jitwettqu mill-operaturi biss wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni. L-operatur mhuwiex intitolat li jitlob indennizz jew kumpens għall-kompiti addizzjonali jew supplimentari oħrajn minbarra r-rimborż tal-ispejjeż.
2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-operaturi għandhom jippermettu l-iżvelar sħiħ tal-kontijiet u tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha tagħhom. Il-Kummissjoni tista' twettaq kwalunkwe spezzjoni meħtieġa, inkluża fuq il-post, biex tivverifika l-konformità mar-Regolament preżenti u l-ftehimiet ta' delega rilevanti.
3. Kull meta urġenza jew avvenimenti imprevedibbli jitolbu hekk, jew fuq talba ġustifikata mill-operatur, il-Kummissjoni tista' tagħxi minflok l-operatur u tissospendi l-ftehim ta' delega għall-ħin u l-atti meħtieġa biex jiġu mwettqa l-atti li jkun hemm bżonn.
4. Ilmenti dwar l-ġoti ta' kuntratti u għotjiet minn operaturi fit-twettiq tal-ftehim ta' delega jew il-programm ta' ħidma jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni. Madankollu, daww l-ilmenti jistgħu jikkonċernaw biss imġiba ħażina intenzjonata, negliġenza serja jew frodi, u għandhom jiġu ppreżentati biss wara li l-mezzi kollha ta' rikors quddiem l-operatur ikunu ġew eżawriti.

Artikolu 15

Il-Politika tad-Dejta u l-Infurmazzjoni Copernicus

1. Id-dejta u l-informazzjoni Copernicus għandha tkun disponibbli fuq bażi sħiħa, miftuħa u mingħajr hla, suġġetta għal-limitazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) kundizzjonijiet ta' liċenzjar marbuta ma' dejta u infurmazzjoni ta' partijiet terzi;
 - (b) formati ta' tixrid, karatteristiċi u mezzi ta' distribuzzjoni;
 - (c) l-interessi tas-sigurtà u r-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha;
 - (d) riskju ta' tfixkil, għal raġunijiet ta' sigurtà jew tekniċi, tas-sistema li tipproduċi dejta u infurmazzjoni Copernicus.

Artikolu 16

Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-aċċess u l-użu

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 rigward:
 - (a) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri f'dak li jirrigwarda l-aċċess għal dejta u infurmazzjoni Copernicus, u r-reġistrazzjoni u l-użu tagħhom, inklużi l-formati, il-mezzi karatteristiċi u ta' tixrid;

- (b) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-trażmissjoni u l-użu ta' dejta satellitari trażmessa lil stazzjonijiet riċevituri li mhumiex parti mill-programm Copernicus;
 - (c) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-arkivjar ta' dejta u informazzjoni Copernicus;
 - (d) il-kriterji tekniċi speċifiċi meħtieġa sabiex wieħed jipprevjeni t-tfixkil tas-sistema ta' dejta u informazzjoni Copernicus, inkluża il-prijorità ta' aċċess;
 - (e) il-kriterji għar-restrizzjoni tat-tixrid ta' dejta u informazzjoni Copernicus minħabba d-drittijiet konfliġġenti jew l-interessi ta' sigurtà;
 - (f) il-kriterji għat-twettiq tal-valutazzjoni tas-sigurtà.
2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-liċenzji rilevanti għal dejta u informazzjoni Copernicus u ta' partijiet terzi, u t-tniżżil ta' dejta satellitari għal stazzjonijiet riċevituri li mhumiex parti mill-programm Copernicus b'mod konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 17

Protezzjoni tal-interessi ta' sigurtà

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tas-sigurtà minn qabel fuq id-dejta u l-informazzjoni Copernicus biex tidentifika dejta u informazzjoni li huma vitali għall-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni jew tas-sigurtà nazzjonali.
2. L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-programm Copernicus skont l-Artikolu 10 jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tas-sigurtà ġdida meta l-iżviluppi tas-sigurtà jiġġustifikaw tali valutazzjoni ġdida.
3. Meta l-valutazzjoni tas-sigurtà minn qabel ma tkunx possibbli fil-qafas ta' żmien għall-ġbir u l-produzzjoni tad-dejta u informazzjoni Copernicus, il-Kummissjoni tista' twettaq valutazzjoni tas-sigurtà fuq il-post.
4. Il-Kummissjoni għandha toħroġ struzzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet tat-tixrid ta' dejta u informazzjoni Copernicus f'każijiet individwali abbażi tal-kriterji adottati skont il-punt (1), subparagrafu (f) tal-Artikolu 16. F'każ ta' urġenza, l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu adottati f'perjodu ta' żmien qasir kemm hemm bżonn biex ikun effettiv. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-inqas miżura ta' tfixkil fid-dawl tal-oġettivi tal-programm Copernicus u l-politika tad-dejta u informazzjoni Copernicus. L-istruzzjonijiet tagħha għandhom ikunu proporzjonati, inkluż fir-rigward tal-puntwalità u l-ambitu territorjali, u jqisu l-protezzjoni tal-interess tas-sigurtà fil-periklu kontra d-disponibbiltà ta' dejta u informazzjoni minn sorsi oħrajn.

Artikolu 18

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan il-Programm jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħrajn, b'kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu b'mod żbaljat u, fejn xieraq, b'piani amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni skont il-Programm.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċizzjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont il-Programm.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċizzjonijiet ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Programm għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditjar u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 19

Sjieda

1. L-Unjoni jew korp jew fond magħżul b'mod speċifiku għandhom ikunu l-proprjetarji tal-assi tanġibbli u intanġibbli kollha maħluqa jew żviluppati skont il-programm Copernicus suġġett għal ftehimiet konklużi ma' partijiet terzi, kull fejn ikun xieraq, rigward drittijiet ta' proprjeta' eżistenti.
2. It-termini u l-kundizzjonijiet relatati mat-trasferiment tas-sjieda lill-Unjoni għandhom ikunu stabbiliti fil-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet ta' kwalunkwe trasferiment sussegwenti ta' sjieda mill-Unjoni. L-att delegat għandu jaħtar il-korp jew il-fond sussegwenti abbażi ta' raġunijiet trasparenti u oġġettivi, li ma għandhomx jagħtu lok għal kunflitt ta' interessi.

Artikolu 20

Assistenza lill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tiġi assistita minn rappreżentanti ta' utenti finali, esperti indipendenti, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, u minn rappreżentanti tal-aġenziji nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari aġenziji spazjali nazzjonali, biex jipprovduha bil-kompetenza teknika u xjentifika meħtieġa u bir-reazzjoni tal-utenti.

Artikolu 21

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (il-“Kumitat Copernicus”). Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 22
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemija fil-punt (1) tal-Artikolu 16 u l-punt (3) tal-Artikolu 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mill-1 ta' Jannar 2014.
3. Id-delega ta' setgħa tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Ir-revoka għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Dan m'għandux jaffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Atti delegati adottati skont il-punt (1) tal-Artikolu 16 u l-punt (3) tal-Artikolu 19 għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 23
Evalwazzjoni

1. Samhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2018, għandu jiġi stabbilit rapport ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni fuq il-kisba tal-oġġettivi tal-kompiti kollha ffinanzjati mill-programm Copernicus fil-livell tar-riżultati u l-impatti tagħhom, fuq il-valur miżjud Ewropew tagħhom u fuq l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza r-rilevanza kontinwa tal-oġġettivi kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-oġġettivi deskritti fl-Artikoli 2 u 3.
2. Il-Kummissjoni għandha twettaq l-evalwazzjoni msemija fil-paragrafu 1 f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi u l-komunitajiet ta' utenti tal-programm Copernicus li għandhom jeżaminaw l-effettività u l-effiċjenza tal-programm Copernicus u l-kontribut tiegħu għall-oġġettivi msemija fl-Artikoli 2 u 3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat ta' dawn l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.
3. Il-Kummissjoni tista', kull meta jkun meħtieġ, tiġi assistita minn entitajiet indipendenti, twettaq evalwazzjoni tal-metodi għat-twettiq tal-proġetti kif ukoll l-

impatt tal-implimentazzjoni tagħhom, sabiex tevalwa jekk l-oġettivi, inklużi dawk relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, ikunux intlaħqu.

4. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jipprovdi evalwazzjoni speċifika tal-azzjonijiet u l-proġetti marbuta ffinanzjati skont dan ir-Regolament jew, fejn xieraq, biex jagħtiha l-informazzjoni u l-assistenza meħtieġa biex twettaq evalwazzjoni ta' tali proġetti.

Artikolu 24
Revoka

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 25
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA

- 1.1. Titolu tal-proposta
- 1.2. Qasam ta' politika kkonċernat fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta
- 1.4. Objettivi
- 1.5. Bażi għall-proposta
- 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodi ta' ġestjoni previsti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.2. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi
 - 3.2.3. Impatt stmat fuq appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
 - 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti
 - 3.2.5. Parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA

1.1. Titolu tal-proposta

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus)

1.2. Qasam ta' politika kkonċernat fl-Istruttura ABM/ABB¹⁴

Titolu 02: Intrapriża

Kapitolu 02 06: Copernicus

1.3. Natura tal-proposta

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni ta' thejjija¹⁵**
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Obiettivi

Copernicus huwa l-isem il-ġdid tal-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja, GMES (Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà). Huwa jkopri l-attivitajiet kollha għall-iżgurar ta' provvista mingħajr interruzzjoni ta' dejta u informazzjoni preċiżi u affidabbli dwar kwistjonijiet ambjentali u kwistjonijiet ta' sigurtà lill-utenti responsabbli għat-tfassil ta' politiki, implimentazzjoni u sorveljanza, fl-UE u l-Istati Membri tagħha. Copernicus jimmira li jipprovdi lill-Ewropa b'aċċess kontinwu, indipendenti u affidabbli għal dejta u informazzjoni ta' osservazzjoni.

Copernicus huwa programm li għandu jitwassal skont l-istrategġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Il-kontribut tiegħu għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika, li għandu jinkiseb billi tingħata spinta lill-applikazzjonijiet kummerċjali ta' valur miżjud, jagħmluh komponent tal-inizjattiva ewlenija tal-politika industrijali fid-dawl tal-istrategġija Ewropa 2020¹⁶.

Copernicus għandu jikkontribwixxi għall-obiettivi ġenerali li ġejjin:

- (a) il-protezzjoni tal-ambjent u l-għoti ta' appoġġ lill-isforzi għall-protezzjoni ċivili u s-sigurtà;
- (b) l-appoġġ għall-istrategġija ta' tkabbir Ewropa 2020 permezz tal-kontribuzzjoni għall-obiettivi ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; b'mod partikolari, għandu jikkontribwixxi għall-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku billi jagħti spinta lill-applikazzjonijiet kummerċjali.

Il-komunitajiet tal-utenti Copernicus huma definiti bħala dawk li jinkludu l-korpi nazzjonali, reġjonali jew lokali Ewropej fdati bid-definizzjoni, l-implimentazzjoni, l-infurzar jew il-monitoraġġ ta' servizz pubbliku jew politika fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament. Il-gruppi l-aktar affettwati jinkludu:

¹⁴ ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbagiġjar Ibbażat fuq l-Attività.

¹⁵ Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

¹⁶ COM(2013) 108 final tat-28.2.2013

- l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali (bħala utenti u kontributuri), inkluż f'pajjiżi terzi (bħal pajjiżi parteċipanti u dawk li jibbenefikaw minn eż. il-GMES u l-inizjattiva Afrika);
- l-industrija downstream, b'mod partikolari l-SMEs; u
- l-utenti finali (awtoritajiet reġjonali u lokali, istituzzjonijiet pubbliċi li jinkludu universitajiet, ċentri ta' riċerka, saħansitra ċittadini uniċi li jużaw servizzi pubbliċi ffaċilitati permezz ta' Copernicus), klijenti tas-settur downstream.

1.4.1. *Objettivi strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta*

Copernicus għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Ewropa 2020 bil-modi li ġejjin:

- « *ekonomija iktar effiċjenti fir-riżorsi u iktar ekoloġika* », jiġifieri b'mod partikolari l-preservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ambjentali u l-ekosistemi u l-bijodiversità; il-kisba ta' titjib fl-effiċjenza bħala riżultat ta' infurzar aħjar tal-politiki tal-UE bħat-trasport, pereżempju, permezz tal-monitoraġġ tas-silġ li jippermetti titjib fir-rotot tal-vapuri; l-agrikoltura, pereżempju, permezz tal-appoġġ għal biedja intelliġenti li tnaqqas il-ħtiġijiet ta' parteċipanti; l-enerġija, permezz tal-kejl tar-radjazzjoni solari meħtieġa għall-produzzjoni ta' enerġija fotovoltajka;
- « *ekonomija iktar kompetittiva* », bħala inizjattiva fuq politiki industrijali u spazjali, Copernicus jimmira li jrawwem il-kompetittività tal-industrija tal-UE u l-vantaġġ teknoloġiku tagħha fl-ispazju u lil hinn minnu; huwa speċifikament jimmira li joħloq potenzjal kummerċjali għall-SMEs billi jagħti spinta lill-innovazzjoni fis-settur downstream, waqt li jiżviluppa servizzi ġodda li jiddependu fuq informazzjoni Copernicus;
- « *ekonomija bbażata fuq l-għarfien* », Copernicus jimmira li jikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-isfidi globali; huwa jappoġġa l-iżvilupp tar-riċerka/ix-xjenza permezz tal-forniment ta' dejta kritika;
- « *ekonomija bbażata fuq l-innovazzjoni* », Copernicus jippermetti l-ħolqien ta' servizzi downstream innovattivi ħafna. Dan il-progrann jimmira li joħloq sħubiji bejn komunitajiet ta' riċerka u negozju u jista' jstabbilixxi punti ta' riferiment għar-riċerka u l-iżvilupp fin-negozju;
- « *ekonomija b'rata għolja ta' impjiegi* », Copernicus joħloq potenzjal addizzjonali għal impjiegi ġodda billi jagħti spinta lid-domanda addizzjonali għal ħaddiema bi kwalifiki għoljin;
- « *koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali* », jiġifieri l-ħtieġa għal infrastruttura għda fuq l-art b'mod partikolari fl-UE-12; permezz tal-ħolqien ta' potenzjal għdid tan-negozju għall-SMEs fl-Istati Membri kollha tal-UE, Copernicus se jagħti spinta lil dawk il-pajjiżi li għadhom lura fis-servizzi tal-art jew ta' emerġenza u għalhekk se jikkontribwixxi għall-objettiv ta' koeżjoni akbar bejn l-Istati Membri. Is-servizzi Copernicus huma pan-Ewropej skont id-definizzjoni tagħhom u jirrispondu għall-ħtiġijiet Ewropej.

1.4.2. *Objettivi speċifiċi u attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Il-programm Copernicus jinkludi l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

Objettiv speċifiku Nru 1: Servizzi Copernicus

Is-servizz ta' monitoraġġ tal-art Copernicus se jiffoka fuq servizz ta' mmappjar ta' Kopertura Perjodika tal-Art fuq il-livell Ewropew, reġjonali u nazzjonali, u attivitajiet dinamiċi ta' monitoraġġ tal-Art.

Is-servizz ta' monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar Copernicus se jipprovdi informazzjoni dwar l-istat tal-oċeani fiżiċi u l-ekosistemi tal-baħar għall-oċean fuq skala globali u ż-żoni reġjonali Ewropej. L-oqsma ta' applikazzjoni tas-servizzi tal-baħar Copernicus jinkludu s-sigurtà fuq il-baħar, l-ambjent tal-baħar u r-reġjuni kostali, ir-riżorsi tal-baħar kif ukoll it-tbassir meteoroloġiku staġjonali u l-monitoraġġ tal-klima.

Is-servizz ambjentali tal-atmosfera Copernicus se jiżgura l-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea u tal-kompożizzjoni kimika tal-atmosfera fuq skala globali. Dan għandu jipprovdi informazzjoni, b'mod partikolari, għas-sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fl-iskali lokali sa nazzjonali, u għandu jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-parametri atmosferiċi klimatiċi tal-kimika.

Is-servizz ta' monitoraġġ tat-tibdil fil-klima Copernicus se jippermetti l-adattament u l-mitigazzjoni tal-effetti tiegħu. Dan għandu jikkontribwixxi, b'mod partikolari, għall-provvista ta' ECVs (il-Parametri Essenzjali tal-Klima), l-analiżi tal-klima u l-projezzjonijiet fuq skala rilevanti għall-adattament u l-mitigazzjoni u l-kunsinna tas-servizz rilevanti.

Is-servizz ta' rispons ta' emerġenza Copernicus se joffri taħlita ta' mapep u/jew livelli differenti ta' dejta pproċessata minn qabel magħmula biex tappoġġja l-parteċipanti fir-rispons ta' emerġenza fil-livelli internazzjonali, Ewropej, nazzjonali jew reġjonali f'diżastri bħal maltempati, nirien, għargħar, terremoti, eruzzjonijiet vulkaniċi, diżastri intenzjonati jew ikkaġunati mill-bniedem jew diżastri umanitarji oħrajn. Is-servizz jista' jindirizza ċ-ċiklu kollu tal-ġestjoni ta' kriżi: attivitajiet ta' prevenzjoni, preparazzjoni, rispons jew irkupru.

Is-servizz tas-sigurtà Copernicus se jipprovdi informazzjoni b'appoġġ għall-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa fil-qasam tas-sigurtà, b'mod partikolari l-kontroll tal-fruntieri, is-sorveljanza tal-baħar u l-appoġġ għall-azzjonijiet esterni tal-UE.

Il-komponent fil-post Copernicus se jiżgura osservazzjonijiet li jsiru permezz ta' installazzjonijiet fl-arja, fil-baħar u bbażati fuq l-art għall-oqsma tas-servizz. L-aċċess għad-dejta ta' referenza huwa meħtieġ għat-tħaddim tas-servizzi. Filwaqt li dan huwa prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-programm jista' jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni transfruntiera ta' dejta fil-post fl-UE u l-ġbir addizzjonali ta' dejta fil-post barra l-UE. L-attivitajiet se jiġu fdati lil entitajiet responsabbli għas-Servizzi.

Attivitajiet orizzontali huma inklużi wkoll, permezz tal-appoġġ għall-ġestjoni ġenerali tal-fondi allokatu skont dan ir-Regolament, is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programm, b'mod partikolari rigward l-ispiża, l-iskeda u l-prestazzjoni, l-istabbiliment ta' strumenti xierqa u miżuri strutturali meħtieġa biex jidentifikaw, jikkontrollaw, itaffu u jimmonitorjaw ir-riskji assoċjati mal-programm; ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali; ir-rappurtar ta' attivitajiet lill-Istati Membri; il-koordinazzjoni ma' attivitajiet fil-livelli nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, b'mod partikolari l-GEOSS; il-koordinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri; l-iżgurar tal-komplementarjetà u l-konsistenza tal-programm ma' politiki, strumenti u azzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni; l-istabbiliment ta' ħtiġijiet tal-utenti u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

Objettiv speċifiku Nru 2: L-osservazzjoni spazjali

Il-komponent spazjali Copernicus se jiżgura osservazzjonijiet sostenibbli li jsiru fl-ispazju għas-servizzi Copernicus.

Dan jinkludi l-operazzjonijiet tal-infrastruttura spazjali ddedikata (jiġifieri s-satelliti Sentinelli); aċċess għal missjonijiet ta' partijiet terzi; distribuzzjoni ta' dejta; assistenza teknika lill-Kummissjoni biex tiġbor u torganizza r-rekwiżiti tad-dejta tas-servizzi, identifikazzjoni tad-diskrepanzi fl-osservazzjoni, li jikkontribwixxu għall-ispeċifikazzjoni ta' missjonijiet ġodda fl-ispazju.

L-attivitajiet ta' żvilupp jinkludu d-disinn u l-akkwist ta' elementi ġodda tal-infrastruttura spazjali; il-forniment ta' appoġġ tekniku lill-Kummissjoni għat-traduzzjoni ta' rekwiżiti ta' servizz fi speċifikazzjonijiet ta' missjonijiet spazjali ġodda bl-appoġġ ta' operatori tal-infrastruttura spazjali; il-koordinazzjoni tal-iżvilupp ta' aktivitajiet spazjali, inklużi l-iżviluppi mmirati lejn il-modernizzazzjoni u l-ikkumplementar tal-Komponent Spazjali Copernicus.

1.4.3. Riżultati u impatt mistennija

Huwa previst l-iżvilupp tas-servizzi għall-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema u għall-kopertura tal-ħtiġijiet tal-utenti l-ġodda li għadhom ma ġewx espressi s'issa. Il-vantaġġ huwa li Copernicus jibqa' kapaċi jirrispondi konsistentement b'mod sostenibbli għall-ħtiġijiet tal-utenti, u b'hekk jiżdied l-użu tal-utenti u l-iżvilupp tas-suq downstream.

Impatt ekonomiku: l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u servizzi ġodda se jstimola l-innovazzjoni tal-prodott u tal-proċess u għalhekk ikollu impatt fit-tul fuq l-industrija Ewropea. Il-kontinwità sħiħa tas-servizzi Copernicus għandha ttejjeb b'mod sinifikanti l-ispinta għall-kompetittività tal-industrija u l-ħolqien ta' negozji kummerċjalment vijabbli.

Impatt ambjentali: id-disponibbiltà ta' Servizzi Copernicus fit-tul tappoġġja l-oġġettiv li l-Ewropa tkun attur ewlieni fit-tibdil fil-klima. Din se tiżgura wkoll sħubija reali fil-GEOSS.

Impatt soċjali: se jinħolqu impjiegi ġodda, mhux biss fl-industrija satellitari u fir-riċerka u l-iżvilupp, iżda wkoll fin-negozji marbuta mal-iżvilupp ta' tekniki ġodda għall-osservazzjoni tad-Dinja u l-industriji u s-servizzi relatati. B'mod aktar importanti, l-impenn sostenibbli se jiffaċilita l-iżvilupp tas-servizzi downstream fejn l-impatt f'termini ta' impjieg ikun sinifikanti.

1.4.4. Indikaturi ta' riżultati u impatt

Il-kisba tal-oġġettivi se titkejjel bl-indikaturi li ġejjin:

- (a) dejta u informazzjoni ta' valur miżjud magħmula disponibbli skont ir-rekwiżiti ta' kunsinna ta' livell ta' servizz;
- (b) l-użu ta' dejta u informazzjoni mkejjel mill-progressjoni fl-għadd ta' utenti, mill-volum ta' dejta aċċessata u ta' informazzjoni ta' valur miżjud, u mit-twessigħ tad-distribuzzjoni fl-Istati Membri;
- (c) il-penetrazzjoni fis-suq u l-kompetittività tal-operatori downstream Ewropej.

Għodod speċifiċi se jiddaħħlu fis-seħħ għall-kejl regolari ta' dawn il-parametri, b'mod partikolari billi jiġu inklużi rekwiżiti speċifiċi fil-ftehimiet ta' delega u/jew kuntratti li għandhom jiġu stabbiliti mal-operatori. Se jsiru studji *ad hoc* f'diversi stadji tal-programm biex jitkejjel il-grad ta' sodisfazzjon tal-utenti (potenzjali), kif ukoll il-penetrazzjoni fis-suq u l-effett ta' Copernicus fil-kompetittività tas-settur downstream.

Barra minn hekk, huwa mistenni li parti kbira mill-implimentazzjoni tal-programm se tiġi ddelegata lil partijiet terzi. Ftehimiet ta' delega se jinkludu oġġettivi u indikaturi li jippermettu l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-operatori. Dawn l-indikaturi se jservu wkoll għall-monitoraġġ globali tal-programm. Dawn jinkludu:

- l-istabbiliment fil-livell operattiv tas-sitt servizzi li jridu jkunu fis-seħħ b'mod operattiv sal-2017;

- il-kunsinna skont il-baġit u l-informazzjoni dwar l-ippjanar tas-servizz kif stabbilit fil-ftehimiet ta' delega u/jew kuntratti ma' operatori;
- l-għadd ta' utenti tas-servizzi u l-grad ta' sodisfazzjon tagħhom;
- l-iżvilupp tas-settur downstream permezz ta' dejta u informazzjoni Copernicus;
- it-tnedija u l-esplorazzjoni tas-satelliti jew strumenti ippjanati, inkluż it-twassil f'waqt ta' dejta ta' osservazzjoni fil-format adegwat għall-utenti identifikati, skont l-ippjanar li għandu jiġi miftiehem fid-dokument tax-Xenarju fit-Tul għall-komponent spazjali;
- id-definizzjoni u l-iżvilupp fil-baġit u l-ippjanar ta' satelliti ġodda u segment fl-art rispettiv, kif definit fix-Xenarju fit-Tul u fil-ftehim ta' delega li għandu jiġi stabbilit mal-ESA;

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jintlaḥqu f'perjodu qasir jew fit-tul

Informazzjoni mhux suffiċjentement affidabbli dwar l-istat tad-dinja għall-utenti pubbliċi

Fl-aħħar tletin sena, saru sforzi sostanzjali ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-UE, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u l-Istati Membri rispettivi tagħhom, bil-għan li jiżviluppaw l-infrastruttura u s-servizzi preoperattivi ta' osservazzjoni tad-Dinja. Madankollu, ħafna mis-servizzi eżistenti ta' osservazzjoni tad-Dinja fl-Ewropa mhumix suffiċjenti minħabba diskrepanzi infrastrutturali u nuqqas ta' garanziji fuq id-disponibbiltà tagħhom fit-tul. Id-dejta pprovduta permezz tas-servizzi li jeżistu bħalissa ma tkoprix il-parametri kollha meħtieġa minn dawk li jfasslu l-politika¹⁷ jew inkella mhix ipprovduta fuq bażi kontinwa u sostenibbli, b'mod partikolari minħabba li l-ħajja tas-servizz jew l-infrastruttura sottostanti tal-osservazzjoni hija limitata minħabba restrizzjonijiet baġitarji u/jew tekniċi. In-nuqqas ta' indirizzar ta' din il-problema se jkollu konsegwenzi f'perjodu qasir u fit-tul. Pereżempju, fuq perjodu qasir, ebda mappa ma tkun disponibbli għall-protezzjoni ċivili fil-każ ta' diżastri naturali, filwaqt li fit-tul, id-dejta essenzjali dwar it-tibdil fil-klima mhix se tkun disponibbli għal dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet.

Investimenti downstream fir-riskju

Il-programm Copernicus ibbaża sett ta' attivitajiet operattivi fuq il-finanzi tar-Regolament tal-Operazzjoni Inizjali, matul il-perjodu 2011 – 2013. Permezz tal-programm eżistenti, li jkopri l-operazzjonijiet inizjali, sar l-ewwel pass lejn sistema ta' osservazzjoni tad-Dinja. Madankollu, xorta għadu limitat fiż-żmien (jiġifieri 2011-2013).

Dan ir-riskju ta' tfixkil jirrappreżenta tħassib kbir għall-utenti finali bħalma huma l-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll għall-fornituri tas-servizzi downstream, peress li dawn x'aktarx ma jinvestux b'mod sinifikanti fi swieq mhux maturi u riskjużi u jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali fil-għbir tal-kapital.

Potenzjal għall-innovazzjoni fir-riskju

It-tfixkil jimplika wkoll li l-investimenti ta' riċerka u żvilupp mhumix tradotti f'innovazzjoni. Għalhekk, il-potenzjal li tiġi lliberata l-kapaċità ta' innovazzjoni marbuta ma' Copernicus, li hija primarjament innovazzjoni relatata mas-servizzi, mhux se jiġi sfruttat. Dan

¹⁷ B'mod partikolari, informazzjoni aggregata fil-livell Ewropew jew globali bi kwalità suffiċjenti attwalment mhix disponibbli għal dawk li jfasslu l-politika Ewropea.

ikun ta' dispaċir speċjalment meta jitqies li l-politika tal-innovazzjoni tal-UE għandha tkun aktar immirata għas-settur tas-servizzi, kif juru studji differenti¹⁸.

Impatt fuq l-impjiegi

Fl-aħħar nett, is-sistemi ta' applikazzjoni tas-satellita huma s-sors ewlieni ta' dħul għall-industrija spazjali Ewropea (EUR 3.1 biljun), u huma d-dominju prinċipali għall-esportazzjonijiet (b'EUR 1.13 biljun).¹⁹ Wieħed miż-żewġ segmenti l-iktar sinifikanti f'termini ta' dħul huwa l-osservazzjoni tad-Dinja (eż. is-Sentinelli Copernicus). Bħalissa, is-sistemi ta' osservazzjoni tad-Dinja jammontaw għal madwar 30 % tad-dħul totali għall-industrija spazjali Ewropea. Minbarra dan l-impatt dirett fuq il-bejgħ industrijali, Copernicus għandu impatt sinifikanti fuq il-kompetittività u l-profitabbiltà tal-industrija Ewropea tal-manifattura spazjali. L-esportazzjoni u l-kummerċ jiddependu ferm fuq il-pożizzjoni kompetittiva relattiva tas-settur. Għal dawn ir-raġunijiet, l-impatt Copernicus fuq l-impjiegi fis-settur għandu jkun sinifikanti bi stima 35 000 impjiegi matul il-perjodu 2015-2030.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-bażi legali għal programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus) hija l-Artikolu 189 tat-TFUE, li jippermetti lill-UE tiżviluppa l-programm spazjali tagħha stess. L-Artikolu 2 tar-Regolament 911/2010 dwar il-programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizzjali tiegħu diġà jelenka l-attivitajiet inklużi fil-programm. Barra minn hekk, l-għoti ta' Copernicus huwa objettiv strateġiku tal-Ewropa 2020.

Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-esplotazzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura spazjali żviluppata b'fondi tal-UE u intergovernattivi ma tistax tintlaħaq bl-aħjar mod mill-Istati Membri individwali minħabba l-ispejjeż imġarrba. Fil-qasam tal-osservazzjoni bbażata fl-ispazju għal meteoroloġija operattiva, l-Istati Ewropej għabru r-riżorsi tagħhom biex jiżviluppaw u jisfruttaw satelliti meteoroloġiċi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplotazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT). L-Istati Ewropej żviluppaw ukoll dimostraturi ta' satelliti ambjentali permezz tal-ESA jew permezz ta' aġenziji spazjali nazzjonali. Madankollu, ma setgħux isibu mod biex jikkooperaw rigward l-iffinanzjar ta' programmi operattivi sostnuti fil-qasam tal-monitoraġġ ambjentali simili għal dawk fil-meteoroloġija. Il-ħtieġa għat-tkomplija ta' dawn l-osservazzjonijiet qiegħda ssir kritika, meta wieħed iqis iż-żieda fil-pressjoni politika fuq l-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati fil-qasam tal-ambjent, is-sigurtà u t-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-ftehimiet internazzjonali.

Għas-servizzi b'kopertura pan-Ewropea jew globali, l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-objettivi tal-azzjoni proposta b'mod suffiċjenti, peress li l-inputs minn Stati Membri differenti għandhom jiġu aggregati fil-livell Ewropew. Il-forniment ta' servizzi oħrajn (eż. mapep ta' emerġenza jew mapep tematiċi ta' monitoraġġ tal-art ta' ambitu ġeografiku aktar limitat) jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-UE għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, ġestjoni aktar koerenti u ċentralizzata tad-dejta tal-input, minn sensuri bbażati fl-ispazju jew fil-post se tippermetti ekonomiji ta' skala. It-tieni, forniment mhux ikkoordinat ta' servizzi ta' osservazzjoni tad-Dinja fil-livell tal-Istati Membri għandu jwassal għal duplikazzjonijiet u jagħmel il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi diffiċli jew saħansitra impossibbli. Jekk l-informazzjoni prodotta fil-livell tal-Istati Membri ma tkunx komparabbli, ma jkunx possibbli li l-Kummissjoni tevalwa jekk il-leġiżlazzjoni ambjentali tkunx ġiet implimentata b'mod korrett fl-Istati Membri kollha.

¹⁸ Ara pereżempju "Next generation innovation policy, the future of EU innovation policy to support market growth", CEPS u Ernst & Young, 2011.

¹⁹ "The European Space Industry in 2010", ASD-Eurospace, il-15-il edizzjoni, Ġunju 2011.

Barra minn hekk, l-azzjoni fil-livell Ewropew se toħloq ekonomiji ta' skala li jwasslu għal valur aħjar għall-flus pubbliċi. L-azzjoni fil-livell tal-UE b'hekk twassal għal valur miżjud ċar.

1.5.3. It-tagħlim miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

Din il-proposta tibni fuq l-esperjenza miksuba matul l-iżvilupp ta' Copernicus bħala inizjattiva tar-riċerka matul l-aħħar tnax-il sena u l-fażi ta' operazzjonijiet inizjali fl-2011-2013. Din l-esperjenza turi li, filwaqt li l-finanzjament għar-riċerka għadu meħtieġ biex jitkompla l-iżvilupp ta' Copernicus, sar meħtieġ l-appoġġ għall-forniment ta' servizzi ta' osservazzjoni tad-Dinja u għall-operazzjonijiet tas-satelliti biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-investimenti li saru s'issa u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati hawn fuq.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn

Fil-fażi operattiva, Copernicus se jkun jista' jagħti informazzjoni lil dawk li jfasslu l-politika, lill-awtoritajiet pubbliċi, lin-negozji u liċ-ċittadini Ewropej. Dan ifisser li Copernicus, bħala sors awtonomu ta' informazzjoni tal-UE, għandu l-għan li jappoġġja l-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet rilevanti kollha tal-Unjoni, fejn il-fehim dwar il-mod kif il-pjaneta tagħna tinbidel huwa kruċjali.

Eżempji tal-kontribuzzjoni ta' Copernicus għal politiki oħrajn tal-UE huma dawn li ġejjin:

- Politiki ta' kooperazzjoni internazzjonali: l-estensjoni tas-servizzi Copernicus lejn l-Afrika tirrappreżenta kontribut konkret għall-politiki ta' żvilupp tal-UE. L-Osservazzjoni tad-Dinja bis-Satellita, pereżempju, tippermetti l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-għelejjel matul l-istaġun tal-agrikoltura u l-iżvilupp ta' Sistema ta' Twissija Bikrija dwar is-Sigurtà tal-Ikel għar-reġjuni li huma fir-riskju madwar id-dinja. Barra minn hekk xi applikazzjonijiet ta' Copernicus jistgħu jipprovdu informazzjoni lil dawk li jfasslu l-politika dwar ir-riżorsi naturali fl-Afrika.
- Politika tat-trasport: permezz tal-ottimizzazzjoni tar-rotot tal-bastimenti, is-servizz tal-Baħar Copernicus jista' jimminimizza l-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet.
- Politiki ambjentali: is-servizzi Copernicus jipprovdu informazzjoni sistematika jew perjodika fuq skali differenti li huma meħtieġa għall-monitoraġġ fuq bażi kontinwa tal-istat tal-ambjent tal-Baħar, tal-Atmosfera u tal-Art. F'dan il-kuntest, immaġni ambjentali miġbura permezz ta' Copernicus jistgħu jipprovdu l-bażi għall-monitoraġġ tal-miri tal-istrateġija Ewropea tal-bijodiversità l-għdida, jew bħala għodda għall-monitoraġġ tal-użu effiċjenti ta' riżorsi bħal injam, ilma, minerali, art, (il-kwalità) arja u ħafna oħrajn fuq skala Ewropea u globali.
- Għajnuna umanitarja: is-servizzi Copernicus għandhom ukoll rwol importanti fl-attivitajiet ta' rispons għal emerġenza fl-UE u barra minnha, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata li hija kruċjali għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, dawk li jippjanaw l-operazzjonijiet u t-timijiet fuq il-post.
- Enerġija: Copernicus jista' jipprovdi lill-Ewropa b'sors ta' informazzjoni affidabbli dwar l-enerġija solari u jista' jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-proliferazzjoni nukleari u d-dekummissjonar ta' siti nukleari.
- Politika reġjonali: fil-livell pan-Ewropew is-Servizz tal-Art Copernicus jipprovdi kopertura tal-art armonizzata u prodotti għal tibdil ta' kopertura tal-art. Din l-informazzjoni hija essenzjali għall-użu tal-art u skopijiet politiki urbani.
- Il-politika tat-tibdil fil-klima: hemm diversi servizzi Copernicus li jinvolvu kwistjonijiet relatati mal-klima bħall-monitoraġġ tal-foresti u l-informazzjoni dwar

il-karbonju tal-art, il-monitoraġġ tal-livell tal-baħar u tas-silġ, l-analiżi ta' gassijiet b'effett serra u tal-flussi tagħhom.

- Sigurtà: Copernicus jista' jikkontribwixxi għas-sorveljanza tal-fruntieri u s-sorveljanza tal-baħar. F'dan il-qafas mill-2008, id-DĠ Intrapriża u Industrija u d-DĠ Affarijiet Interni waqqfu kooperazzjoni mill-qrib.
- Agrikoltura: Copernicus jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-monitoraġġ f'waqtu u preċiż tal-użu tal-art agrikola u l-bidliet tiegħu fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali billi jipprovdi metodoloġiji komuni u indikaturi li jkopru diversi skali temporali, spazjali u tematiċi. Il-politika agrikola komuni tista' tuża Copernicus biex tissorvelja l-politika "ta' twarrib".
- Politiki relatati mal-baħar: Copernicus jippermetti fehim dwar l-oċean, id-dinamika u l-impatt tiegħu fuq it-tibdil fil-klima. L-applikazzjonijiet f'dan il-qasam jinkludu: Is-Sigurtà tal-Baħar, it-Tixrid taż-Żejt, il-ġestjoni tar-Riżorsi tal-Baħar, it-Tibdil fil-Klima, it-Tbassir Staġjonali, l-Attivitajiet Kostali, l-Istħariġ dwar is-Silġ u l-Kwalità tal-Ilma.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

- ☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**
 - ☒ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-2014 sal-2020
 - ☒ Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020
- ☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**
 - Implimentazzjoni b'perjodu tat-twaqqif minn SSSS sa SSSS,
 - segwita b'operazzjoni ta' skala sħiħa.

1.7. Metodi ta' ġestjoni previsti²⁰

- ☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni
- ☒ **Ġestjoni indiretta** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil
 - ☐ aġenziji eżekuttivi
 - ☒ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet²¹
 - ☒ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku
 - ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri
- ☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi
- ☒ Organizzazzjonijiet internazzjonali

Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti:

Copernicus jibni fuq il-kapaċitajiet li jeżistu fl-Ewropa, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni bla bżonn u, għall-kuntrarju, ifittex sinerġiji fost il-kapaċitajiet nazzjonali jew internazzjonali eżistenti. Barra minn hekk, huwa kkunsidrat li l-Kummissjoni la għandha l-forza tax-xogħol interna u lanqas il-kompetenza biex timmaniġġja din is-sistema operattiva kumplessa ħafna tas-sistemi waħedha. Dan għaliex, b'mod konformi mal-oġġettivi ta' simplifikazzjoni u titjib tal-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE, qed jiġi propost li jiġu implimentati partijiet kbar mill-programm indirettament, skont it-tifsira tal-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju, li jiddelega setgħat implimentattivi lil numru ta' korpi rilevanti, fil-qasam tal-kompetenza tagħhom. Bil-ftehimiet ta' delega, il-Kummissjoni tibqa' tkun responsabbli għall-programm iżda tittrasferixxi r-responsabbiltajiet tal-implimentazzjoni lil numru ta' operatori. Il-Kummissjoni, appoġġjata mill-kumitat u l-esperti indipendenti, għandha tiffoka fuq id-definizzjoni tad-deċiżjonijiet programmatiċi ta' livell għoli u fuq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. L-operatori se jintalbu jissottomettu Programmi ta' Ħidma annwali u Rapporti ta' Attività Annwali flimkien ma' ċertifikati ta' verifika.

Sal-2013, l-iżvilupp tal-Komponent spazjali kien kofinanzjat mill-UE u l-ESA permezz ta' kontribuzzjoni tal-FP7 dwar it-tema tal-isparju u l-GMES u r-Regolament tiegħu dwar l-operazzjonijiet inizjali għall-programm tal-ESA dwar il-Komponent Spazjali GMES. Il-Kummissjoni, f'isem l-UE, ikkontribwiet terz mill-baġit ġenerali tal-programm GSC, jiġifieri

²⁰ Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

²¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

madwar 780 miljun minn EUR 2.4 biljun. Għal dan il-għan, għe stabbilit ftehim ta' delega fl-2008 bejn l-UE, rappreżentat mill-Kummissjoni, u l-ESA. Dan il-ftehim għe stabbilit skont il-ftehim qafas bejn l-UE u l-ESA. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-ESA għandha kompetenza unika u hija l-unika aġenzija għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' programmi relatati mal-ispażju fil-livell Ewropew, huwa propost li tkompli tiġi fdata l-attivitajiet ta' żvilupp, jiġifieri d-disinn, il-konstruzzjoni u l-akkwist tas-satelliti u s-segment tal-art relatat, ta' Copernicus. Huwa meqjus li l-ESA tista' tkompli tikkofinanzja l-attivitajiet ta' żvilupp, u b'mod partikolari l-iżviluppi ta' ġenerazzjoni ġdida ta' satelliti, li tkun opposta għall-akkwist ta' unitajiet rikorrenti li jirreplikaw id-disinn tal-unitajiet diġà żviluppati.

Huwa propost ukoll li l-operazzjonijiet tal-infrastruttura żviluppata tiġi fdata kemm lill-ESA u lill-EUMETSAT. L-ESA se tkun responsabbli għall-operazzjonijiet ta' Sentinelli 1, 2 u l-ipproċessar tal-parti tal-Art ta' Sentinella 3. Permezz tad-disinn u l-koordinazzjoni tad-disinn u l-akkwist tas-segment tal-art, b'rikonoxximent tal-kompetenza tagħha akkwistata mill-operazzjonijiet ta' ħafna missjonijiet xjentifiċi, l-ESA qiegħda f'pożizzjoni tajba biex timmaniġġja dawn il-kompiti. EUMETSAT se tkun fdata bl-operazzjonijiet ta' satelliti u strumenti rilevanti b'mod partikolari għall-komunitajiet tal-atmosfera u tal-baħar, li huma qrib ħafna tal-qasam ta' kompetenzi tagħha stess, ħafna drabi identiċi. Għandu jiġi mfakkar li Sentinelli 4 u 5 huma strumenti li jinġarru fuq satelliti tal-EUMETSTAT stess. Barra minn hekk, l-akkoljiment, it-trattament u d-distribuzzjoni tad-dejta se jsiru l-aktar permezz ta' kapaċitajiet ta' ħafna missjonijiet tal-EUMETSAT. Iż-żewġ organizzazzjonijiet se jkunu responsabbli għall-aċċess u l-ġhoti ta' osservazzjonijiet mill-missjonijiet li jikkontribwixxu, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Wieħed mill-prodotti ewlenin tas-servizz tal-Art huwa l-valutazzjoni komprensiva u f'waqtha ta' kopertura tal-art u kopertura tal-bidla fuq l-art. Is-settijiet tad-dejta Corine Land Cover (CLC) ipprovdew serje kronoloġika ta' informazzjoni tal-kopertura tal-art u l-użu tal-art fil-kontinent Ewropew mill-1990. Dawn jippermettu tibdil tal-monitoraġġ fuq is-superfície terrestri li tirriżulta mill-interazzjoni kemm tal-proċessi naturali kif ukoll tal-attivitajiet umani. Sa mill-1994, Corine għet implimentata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. L-EEA hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea, li xogħolha hu li tipprovdi informazzjoni tajba u indipendenti dwar l-ambjent lil daww involuti fl-iżvilupp, l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika ambjentali, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali. L-EEA hija responsabbli wkoll biex tikkordina n-Netwerk Ewropew tal-Infomazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) fejn l-esperti nazzjonali jikkontribwixxu għall-ġabra u l-validazzjoni tad-dejta ambjentali. Waqt l-operazzjonijiet inizjali tal-GMES (2011-2013), il-koordinazzjoni tal-komponenti pan-Ewropej u lokali tas-servizz tal-Art għet fdata lill-EEA u implimentata permezz ta' implimentazzjoni ċentralizzata, bl-akkwist permezz ta' kuntratti qafas u ta' servizz lil fornituri tas-servizzi; u l-implimentazzjoni deċentralizzata, permezz ta' ftehimiet ta' ġhoti lill-aġenziji nazzjonali li huma partijiet interessati diretti tal-EEA. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li s-servizz tal-Art jiddependi bis-siġħ fuq kejl fil-post u dejta ta' referenza ġeografika. L-EEA qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tirraġa l-għamara tagħha permezz ta' aġenziji nazzjonali ambjentali u/jew tal-immappjar. Dan għaliex, filwaqt li jiġu rikonoxxuti s-sinerġiji ovvjii possibbli bejn Copernicus u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-EEA, u l-pożizzjoni unika tal-EEA, bħala koordinatur tal-Eionet, vis-à-vis partijiet interessati Copernicus li huma l-aġenziji ambjentali nazzjonali, qed jiġi propost li l-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ komponenti tas-servizz tal-Art tkompli tiġi fdata lill-EEA.

Mill-2008, sar xogħol kontinwu biex tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (EUROSUR) biex isaħħaħ il-kontroll tal-fruntiera esterna ta' Schengen, speċjalment il-fruntieri tal-baħar tan-Nofsinhar u tal-art tal-Lvant. L-EUROSUR se tipprovdi lill-Istati Membri b'qafas tekniku komuni (l-infrastruttura) u operattiv (fluss tax-xogħol) sabiex iżżid l-

għarfien tas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni tagħhom u ttejjeb il-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom li jissorveljaw il-fruntieri tal-UE. Wieħed mill-oġettivi miftiehma huwa li ssir applikazzjoni komuni ta' għodda ta' sorveljanza (satelliti, UAVs, aerostats, eċċ.), fejn Frontex tagħxi bħala faċilitatur. Il-Frontex hija l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Hija tippromwovi, tikkoordina u tiżviluppa l-ġestjoni tal-fruntieri Ewropej. Għat-taqsima dwar il-kontroll tal-fruntieri tas-servizz tas-Sigurtà, il-kooperazzjoni attiva tal-Frontex hija strumentali. Frontex kienet involuta fil-proġetti kollha tal-FP7 li jippreparaw it-taqsima, kif ukoll proġetti relatati oħrajn tat-tema tas-Sigurtà tal-FP7. Jista' jiġi osservat li l-ħtieġa li l-FRONTEx tistrieħ fuq GMES/Copernicus għal daww l-attivitajiet hija rikonoxxuta fil-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament EUROSUR²². Għalhekk huwa propost li l-implimentazzjoni ta' din it-taqsima tiġi ddelegata lil Frontex.

Fir-rigward tat-taqsima tas-Sigurtà dwar is-sorveljanza tal-baħar, huwa propost li l-implimentazzjoni tagħha tiġi ddelegata lill-EMSA, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima. Fil-fatt, il-mandat tal-EMSA jinkludi xi responsabbiltajiet fis-sigurtà marittima u obbligu li tgħin lill-Kummissjoni f'attivitajiet relatati. L-EMSA għandha kompetenza rikonoxxuta b'mod wiesa' fl-implimentazzjoni ta' CLEANSeaNET, programm operattiv tas-sigurtà tal-baħar permezz tad-dipendenza fuq l-osservazzjonijiet tad-Dinja. Hija involuta wkoll b'mod attiv f'diversi proġetti ta' riċerka u żvilupp bi tħejjija għas-servizz tas-Sigurtà Copernicus.

²²

COM(2011) 873 finali

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Se titqiegħed fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ sabiex jiġu żgurati l-outputs tal-ogħla kwalità u l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. Il-monitoraġġ se jsir matul il-ħajja tal-programm. Dan se jibni fuq rapporti regolari mis-sħab ta' implimentazzjoni.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/riskji identifikat/i

Ir-riskji kollha relatati mal-programm se jiġu rreġistrati b'mod ċentrali f'reġistru. Kull riskju għandu jiġi allokat livell ta' probabbiltà u rata ta' impatt. Ir-reġistru tar-riskju se jinkludi wkoll lista ta' miżuri maħsuba biex inaqqsu l-probabbiltà ta' materjalizzazzjoni ta' riskju. Ir-riskji huma kklassifikati kif ġej:

- Riskji teknoloġiċi: eż. satellita li tuża teknoloġija avvanzata li għad trid tiġi vvalidata u li l-ispeċifikazzjonijiet tagħha kontinwament qed jevolvu.
- Riskji industrijali: l-istabbiliment tal-infrastrutturi jinvolti ħafna atturi industrijali, f'għadd ta' pajjiżi, li xogħolhom għandu jiġi kkoordinat b'mod effettiv sabiex jaslu għal sistemi li huma affidabbli u integrati b'mod sħiħ, b'mod partikolari rigward is-sigurtà.
- Riskju tas-suq: dak li għandha tiġi evitata prestazzjoni teknika li hija inferjuri għal dik imwiegħda u li jkollha impatt negattiv fost l-utenti, u bħala riżultat ta' dan ma tintużax l-infrastruttura.
- Riskju ta' dewmien: kull dewmien ta' implimentazzjoni jpoġġi l-ambitu ta' opportunità fil-periklu.
- Riskju ta' governanza: il-governanza tal-programmi timplika entitajiet diversi li jaħdmu flimkien, u livell xieraq ta' stabbiltà u organizzazzjoni għandu jkun garantit. Barra minn hekk, wieħed għandu jqis id-differenzi fl-opinjoni bejn il-partijiet differenti involuti rigward diversi kwistjonijiet ewlenin. F'dan il-kuntest għandu jiġi kkunsidrat it-tqassim ta' ċerti riskji, inklużi riskji finanzjarji u relatati mas-sigurtà, fost dawk l-atturi li huma fl-aħjar pożizzjoni biex ilaħħqu magħhom.

Barra minn hekk, il-baġit tal-Programm se jiġi implimentat, għall-parti l-kbira, f'ġestjoni indiretta, permezz ta' ftehimiet ta' delega, u, f'parti marġinali, f'modalità ċentralizzata, fejn il-Kummissjoni se tagħmel użu ta' għotjiet u akkwist pubbliku. Ir-riskji huma differenti għal kull wieħed minn dawn it-tipi differenti ta' nefqa. Awditjar imwettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mill-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni stess identifikaw ir-riskji ewlenin li ġejjin li jibqgħu potenzjalment validi għal dan il-Programm:

Għal ftehimiet ta' delega: Ir-riskji ewlenin identifikati jirreferu għall-eliġibbiltà tal-operaturi (l-entità li l-Kummissjoni tikkonkludi magħha ftehim ta' delega), il-konformità kuntrattwali (traspożizzjoni tar-rekwiżiti tal-Kummissjoni fid-dokumentazzjoni kuntrattwali), il-konformità tal-proċess (nuqqas ta' osservanza tal-proċessi preskritti mill-Kummissjoni) u l-prestazzjoni (nuqqas ta' kisba tal-miri/objettivi definiti minn qabel).

Dawn it-tipi ta' riskji se jiġu indirizzati billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- Aspetti sinifikanti tal-proċess ta' ġestjoni u ta' kontroll huma mwettqa mill-operaturi.
- Il-Kummissjoni għandha tistrieħ b'mod sinifikanti fuq is-sistemi ta' kontroll tal-ġestjoni tal-operaturi.

- Huwa importanti li jiġi żgurat il-livell xieraq ta' kontrolli tul il-katina ta' implimentazzjoni b'responsabbiltajiet ċari għas-sħab kollha involuti.

Għall-għotjiet: Ir-regoli kumplessi tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż u l-kompetenza relattivament limitata fil-ġestjoni finanzjarja ta' ċerti benefiċjarji jistgħu jwasslu għal riskju għoli ta' spejjeż iddikjarati b'mod żbaljat (eż. spejjeż ġenerali u spejjeż tat-tagħmir).

In-nuqqas ta' bażi ta' dejta kompluta b'informazzjoni dwar il-benefiċjarji, il-proġetti u l-ispejjeż iddikjarati jista' jagħmel diffiċli l-individwazzjoni ta' benefiċjarji riskjużi u ta' ħlasijiet possibbilment doppji ta' spejjeż jew irregolaritajiet oħra u għalhekk jirriżulta f'attività ineffettiva kontra l-frodi.

Għall-akkwist pubbliku: Żbalji li ma jinqabdux jew imprecizjonijiet mhux korretti f'offerti jew speċifikazzjonijiet tal-offerti jistgħu jwasslu għal eżekuzzjoni ħażina ta' kuntratt.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Huma previsti metodi ta' kontroll differenti biex jindirizzaw ir-riskji differenti identifikati hawn fuq

2.2.2.1. Ftehimiet ta' Delega

Informazzjoni dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll interna

Sistema ta' ġestjoni u kontroll ibbażata fuq il-miżuri li ġejjin għandha tkun stabbilita:

- valutazzjoni *ex ante* tal-operatur
- monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju, inkluż fuq il-bażi ta' rappurtar standardizzat,
- azzjoni preventiva permezz tad-disinn tal-eliġibbiltà xierqa, il-konformità kuntrattwali, il-konformità tal-proċess u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni;
- rimedji kuntrattwali li jippermettu azzjoni korrettiva fil-każ ta' żball fl-implimentazzjoni rigward l-eliġibbiltà, il-konformità kuntrattwali, il-konformità tal-proċess u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni;
- kontrolli *ex ante* fuq il-pagamenti mid-DĠ għall-kont fiduċjarju tal-operatur;
- allinjament ta' miżuri ta' interess;
- parteċipazzjoni fil-governanza
- drittijiet għall-aċċess għall-awditjar rigward l-operaturi, l-entitajiet affiljati u l-benefiċjarji finali;
- rendikont sħiħ tal-entrati li jkopri l-katina tal-implimentazzjoni;
- awditjar tal-konformità u tal-prestazzjoni mill-aġenti tal-Kummissjoni
- żieda fl-assigurazzjoni integrata li tqis is-sistema tal-kontrolli interni u l-verifiki interni miżmuma mill-operaturi u l-entitajiet affiljati li tindirizza l-eliġibbiltà, il-konformità kuntrattwali, il-konformità tal-proċess u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni;
- dikjarazzjonijiet finanzjarji vverifikati minn awdituri esterni;
- dikjarazzjonijiet ta' assicurazzjoni pprovduti minn operaturi fuq bażi annwali.

Il-verifika li l-proċessi qegħdin jaħdmu kif iddisinjati se tkun żgurata permezz ta' diversi mezzi ta' informazzjoni:

l-għarfien tal-ġestjoni dwar l-istat tas-sistemi ta' kontroll intern tad-DĠ, miġbura permezz tal-ħidma minn jum għal jum u l-esperjenzi;

is-superviżjoni formali tad-DĠ, l-arranġamenti ta' segwitu u ta' monitoraġġ;

- ir-riżultati mir-reviżjoni annwali tal-ICS ("konformità sħiħa mar-rekwiżiti bażiċi");
- ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-Valutazzjoni tar-Riskju;
- il-kontrolli *ex ante* u *ex post*, inkluż rapporti ta' eċċezzjonijiet u/jew dgħufijiet fil-kontroll intern;
- ir-riżultati minn awditjar finanzjarji esterni tad-DĠ;
- il-ħidma ta' verifika u ta' konsulenza mwettqa mill-Kapaċità tal-Verifika Interna tad-DĠs;

l-evalwazzjonijiet tal-Programmi mwettqa minn evalwaturi esterni.

Il-verifika mill-IAC, l-IAS jew l-ECA se tipprovdi aktar rispons dwar l-adegwatezza tas-sistema ta' kontroll.

L-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontroll implikata mis-sistema ta' kontroll

Il-kontrolli previsti ġew meqjusa f'sens wiesa' f'konformità mad-definizzjoni tal-mudell COSO tal-kontroll intern definit bħala "proċess imfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi fl-effikaċja u fl-effiċjenza tal-operazzjonijiet, l-affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju, u l-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli". L-ispejjeż tal-kontrolli huma stmati fuq bażi komprensiva li tkopri kwalunkwe attivitajiet li huma direttament jew indirettament marbuta mal-verifika tad-drittijiet tal-operaturi u r-regolarità tan-nefqa. Fejn ikun possibbli dawn huma ddettaljati matul id-diversi stadji ta' ġestjoni, u skont id-deskrizzjoni tas-sistema tal-kontroll prevista.

L-aġġustamenti biex jitqiesu t-tibdiliet mistennija tal-proposta l-ġdida jinkludu dejta għall-allinjament ta' miżuri ta' interess u aktar rimedji kuntrattwali li jippermettu azzjoni korrettiva fil-każ ta' żball fl-implimentazzjoni rigward ir-rekwiżiti.

Valutazzjoni tal-livell ta' riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli

Skont is-sistema ta' kontroll prevista, il-livell mistenni ta' riskju ta' nuqqas ta' konformità (definit bħala r-riskju mistenni ta' żbalji tal-legalità u r-regolarità li jseħħu fil-livell ta' tranżazzjonijiet) se jinżamm taħt 2 % fuq bażi pluriennali, iżda bi spiża aktar baxxa minħabba l-mitigazzjoni tal-frekwenza tar-riskju u l-impatt tar-riskju, li jirriżultaw mill-miżuri addizzjonali introdotti.

Ir-rata tal-iżbalji hija mistennija li tonqos minħabba l-kjarifika tar-regoli applikabbli inklużi r-rekwiżiti SMART, minħabba aktar riinfurzar tar-rimedji kuntrattwali u minħabba ż-żieda fl-allinjament ta' interess.

Huwa previst li parti żgħira mill-baġit ta' dan il-Programm tista' tiġi implimentata skont il-ġestjoni diretta ċentralizzata (ara hawn taħt) permezz ta' għotjiet u akkwist pubbliku.

2.2.2.2. Għotjiet

Informazzjoni dwar l-istruttura tas-sistema tal-kontroll intern

Il-qafas ta' kontroll intern attwali huwa mibni fuq l-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, il-proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti u t-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali, f'ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratt matul il-proġett kollu, f'kontrolli *ex ante* fuq il-klejms, li jinkludu r-riċevuta ta' ċertifikati tal-verifiki, ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-ispejjeż, awditjar u korrezzjonijiet *ex post*, u evalwazzjoni.

Id-dokumentazzjoni ta' sejħiet għall-proposta tinkludi gwida ddettaljata dwar ir-regoli tal-eliġibbiltà u notevolment dwar l-iktar żbalji frekwenti fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal. Il-benefiċjarji huma mistiedna jipprovdu, diġà meta jagħmlu proposta, biżżejjed dettalji dwar l-ispejjeż previsti li jippermettu verifika *ex ante* u l-kixfa ta' żbalji possibbli jew miżinterpretazzjonijiet u fejn meħtieġ bidliet tal-implimentazzjoni jew l-adattament tal-ftehim dwar l-għotja. Dan se jżid b'mod sinifikanti ċ-ċertezza legali tal-benefiċjarji u jnaqqas ir-riskju ta' żbalji.

Kontrolli *ex post* se jitwettqu sabiex jiddeterminaw il-medja rappreżentattiva tar-rata ta' żbalji li se jibqa' minkejja t-taħriġ, il-verifika *ex ante* u l-korrezzjonijiet. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* għan-nefqa skont il-Programm se tkun ibbażata fuq l-awditjar finanzjarju tat-tranżazzjonijiet definiti mit-Teħid ta' Kampjuni ta' Unità Monetarja, flimkien ma' kampjun ibbażat fuq ir-riskju. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* fir-rigward tal-legalità u r-regolarità se tiġi kkumplementata minn evalwazzjoni operattiva riinfurzata u l-istrateġija ta' kontra l-frodi.

L-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli implikat mis-sistema ta' kontroll

Irid jinstab bilanċ bejn, iż-żieda fl-attrazzjoni tal-Programm billi jitnaqqas il-piż ta' kontroll għall-benefiċjarji (aktar fiduċja u teħid ta' riskju bl-użu akbar ta' rati fissi, somom f'daqqa u skali ta' unità), min-naħa, u l-assigurazzjoni li r-rata ta' żbalji mhux ikkoreġuti tibqa' baxxa kemm hu raġonevolment fattibbli, min-naħa l-oħra.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija se jistabbilixxi sistema ta' kontroll intern kost-effettiv li se tagħti assurazzjoni raġonevoli li r-riskju ta' żball, matul il-perjodu ta' nefqa pluriennali ikun, fuq bażi annwali, fil-marġni ta' 2-5 %; bl-għan aħħari li jinkiseb livell residwu ta' żbalji kemm jista' jkun qrib it-2 % fl-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba l-impatt finanzjarju tal-awditjar kollu, il-miżuri ta' korrezzjoni u rkupru jkun ġew ikkunsidrati.

L-istrateġija tal-awditjar għandha timmira li tipprovdi rappreżentazzjoni ġusta u affidabbli tar-riskju ta' żbalji u teżamina b'mod effikaċi u effettiv l-indikazzjonijiet ta' frodi. Il-kontrolli *ex ante* tal-proposti qabel l-iffirmar tal-ftehim tal-għotja u l-kjarifika tar-regoli tal-eliġibbiltà ma għandhomx iżidu b'mod sinifikanti ż-żmien għall-kuntratt. L-uffiċjali li jawtorizzaw permezz ta' delega għandhom jirrappurtaw kull sena l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontroll u l-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-awtorità leġislattiva fil-qafas tar-Reviżjoni Intermedja dwar il-livell tan-nuqqas ta' konformità li jista' jinkiseb.

Valutazzjoni tal-livell ta' riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli

A. Is-sorsi attwali tal-iżbalji

Abbażi tar-riżultati, s'issa, ġew identifikati żbalji rikorrenti fir-rigward ta' dan li ġej:

- **spejjeż tal-persunal:** jintalab hłas għall-medja tal-ispejjeż jew inkella għall-ispejjeż ibbaġitjati (minflok l-ispejjeż attwali), in-nuqqas li jinżammu rekords adegwati tal-ħin involut fuq il-programm, jintalab hłas għal oġġetti li mhumiex eliġibbli (spejjeż tal-manijer proprjetarju tal-SME).
- **spejjeż diretti oħrajn:** żbalji regolari identifikati huma s-sottokuntrattar mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, jew mingħajr ma jiġu rrispettati r-regoli tal-valur għall-flus, eċċ.
- **spejjeż indiretti:** f'għadd ta' każijiet l-ispejjeż indiretti huma perċentwal b'rata fissa tal-ispejjeż diretti, u għaldaqstant l-iżball fl-ispejjeż indiretti huwa proporzjonat mal-iżball fl-ispejjeż diretti.

B. Opportunitajiet ta' simplifikazzjoni proposti

Il-programm se jibbenefika mill-miżuri ta' simplifikazzjoni inklużi fir-reviżjoni trijennali tar-Regolament Finanzjarju. F'dan il-qafas il-Kummissjoni se tuża l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' simplifikazzjoni bħal pereżempju skali ta' spejjeż tal-unità għall-maniġer proprjetarju tal-SME jew l-użu ta' rati standard għall-ispejjeż tal-persunal b'konformità mal-prinċipji tal-kont tas-soltu tal-benefiċjarji.

C. Kontribuzzjoni ta' tibdil fil-kontroll għat-tnaqqis tal-livell ta' nuqqas ta' konformità mistenni

Il-punt ta' bidu huwa status quo, abbażi tal-awditjar tal-għotja tal-FP7 imwettqa s'issa. Abbażi tas-suppożizzjonijiet li:

- il-benefiċjarji tal-għotjiet skont il-Programm Copernicus tal-ġejjieni huma simili għal dawk li pparteċipaw fl-FP7, u li
- terz tas-sorsi tal-iżbalji huma stmati li huma dawk elenkati taħt il-punt B hawn fuq,

il-miżuri ta' simplifikazzjoni inklużi fir-Regolament Finanzjarju huma mistennija jwasslu għal tnaqqis fir-rata ta' żbalji. Tnaqqis ieħor tal-iżbalji huwa mistenni minn kjarifika *ex ante* tar-regoli tal-eliġibbiltà.

Konklużjoni: b'kunsiderazzjoni tal-miżuri kollha msemmija hawn fuq meħuda flimkien, l-għan aħħari huwa li jintlaħaq livell residwu ta' żbalji kemm jista' jkun qrib it-2 % sal-aħħar taċ-ċiklu tal-ħajja.

Dan ix-xenarju huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-miżuri ta' simplifikazzjoni mhumie x suġġetti għall-modifiki sostanzjali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2.2.2.3. Akkwist Pubbliku

Il-qafas tal-kontroll intern mibni fuq l-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku għall-għażla tal-aħjar proposti u għall-ġestjoni tal-kuntratt matul il-proġett/kuntratt, u kontrolli *ex ante* fuq il-fatturi u l-ħlasijiet għandhom jevitaw żbalji residwi li jkunu aktar minn 2 %.

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew maħsuba.

Fil-qafas tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS)²³ u bl-għajnuna tal-OLAF permezz tal-konsultazzjoni u l-parteeipazzjoni fin-Netwerk tal-OLAF għall-Prevenzjoni u d-Detezzjoni tal-Frodi (FPDNet), id-DĠ Intrapriża u Industrija żviluppa abbozz tiegħu tal-Istrateġija Kontra l-Frodi (AFS) li jkopri l-miżuri għall-prevenzjoni u l-kixfa ta' frodi u irregolaritajiet kemm interni, kif ukoll dawk fir-rigward tal-benefiċjarji u l-kuntratturi. L-AFS se tiġi aġġornata kull sena.

B'mod partikolari għall-għotjiet, il-Pjan ta' Azzjoni tal-AFS tad-DĠ Intrapriża u Industrija jipprevedi l-ħolqien ta' reġistru ċentrali tal-benefiċjarji kollha tiegħu (koordinaturi, imsieħba, sottokuntratturi u parteċipanti oħrajn) u tal-proġetti (rapporti u dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż). Din id-database, flimkien mal-akkwist ippjanat tal-għodod b'saħħithom għall-analiżi tad-dejta għall-kixfa tal-indikaturi tal-frodi jew 'sinjali ta' periklu', se ttejjeb b'mod sinifikanti l-funzjonijiet ta' kontroll u l-kapaċitajiet ta' awditjar tagħha.

Sabiex iżid l-għarfien u l-kapaċità għat-twettiq ta' kontrolli preventivi u effettivi, il-Pjan ta' Azzjoni tal-AFS tad-DĠ Intrapriża u Industrija jipprevedi l-offerta ta' korsijiet speċifiċi ta' taħriġ u materjal ta' gwida. Barra minn hekk, se tiġi żviluppata u implimentata strateġija ta'

²³ COM(2011)376, 24.06.2011

kontroll għall-evalwazzjoni tal-kapaċità finanzjarja u teknika tal-benefiċjarji flimkien ma' kategorizzazzjoni tar-riskju tal-benefiċjarji abbażi tal-indikaturi tal-frodi, ir-reġistrazzjoni tal-għodod tal-IT u l-immarkar għall-awditjar *ex ante/ex post*.

Barra minn hekk, se jiġu żviluppati proċeduri tal-awditjar u gwida għall-awditjar *ex post* ibbażati fuq ir-riskju u b'enfasi fuq każijiet possibbli ta' frodi u irregolaritajiet. Din l-AFS se tkun allinjata aħjar mal-istandards tal-kontroll intern, b'mod partikolari mal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju, u mal-AFS ta' DĠs oħra u ma' entitajiet sottodelegati.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

Intestaturi tal-baġit eżistenti tan-nefqa kif mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
[1]	02010404 – Nefqa ta' appoġġ għall-programm Ewropew ta' ossevazzjoni tad-Dinja (Copernicus)	Mhux Diff	IVA	LE	IVA	LE
[1]	020601 - Servizzi operattivi (Copernicus)	Diff	IVA	LE	IVA	LE
[1]	020602 - Osservazzjonijiet li jkunu saru fl-ispazju (Copernicus)	Diff	IVA	LE	IVA	LE

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Intestatura tal-impatt stmat fuq in-nefqa:	1	Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv
---	----------	--

DĠ Intrapriża			Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	TOTAL
• Approprazzjonijiet operattivi											
020601	Impenji	(1)	58,500	179,721	189,426	197,952	208,610	283,691	210,291		1,328,191
	Pagamenti	(2)	29,215	195,417	188,779	197,673	207,871	266,906	231,030	11,300	1,328,191
020602	Impenji	(1)	301,933	373,949	394,141	411,880	434,051	590,279	437,566		2,943,799
	Pagamenti	(2)	150,785	406,608	392,796	412,159	434,790	555,362	480,717	110,582	2,943,799
Approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi ²⁴											
02010404		(3)	2,500	2,700	2,700	2,800	2,900	2,900	3,000		19,500
TOTAL ta' approprazzjonijiet għad-DĠ Intrapriża	Impenji	=1+1a +3	362,933	556,370	586,267	612,632	645,561	876,870	650,847		4,291,480
	Pagamenti	=2+2a+3	182,500	604,725	584,275	612,632	645,561	825,168	714,737	121,882	4,291,480

²⁴ L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Intestura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5	“ Nefqa amministrattiva ”
---	----------	----------------------------------

miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	TOTAL
DĠ: Intrapriża									
• Riżorsi umani		4,497	5,259	5,894	5,894	5,894	5,894	5,894	39,226
• Nefqa amministrattiva oħra		0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	2,401
TOTAL DĠ INTRAPRIŻA	Approprjazzjonijiet	4,840	5,602	6,237	6,237	6,237	6,237	6,237	41,627

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt I- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	4,840	5,602	6,237	6,237	6,237	6,237	6,237	41,627
---	--	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--------

miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	TOTAL
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt I- INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	367,773	561,972	592,504	618,869	651,798	883,107	657,084		4,333,107
	Pagamenti	187,340	610,327	590,512	618,869	651,798	831,405	720,974	121,882	4,333,107

3.2.2. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

L-appropriazzjonijiet għall-impenji f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

Objettivi	SENA 2014	SENA 2015	SENA 2016	SENA 2017	SENA 2018	SENA 2019	SENA 2020	TOTAL
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 Servizi	58,500	179,721	189,426	197,952	208,610	283,691	210,291	1,328,191
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 Spazju	301,933	373,949	394,141	411,880	434,051	590,279	437,566	2,943,799
TOTAL TAL-ISPEJJEŻ	360,433	553,670	583,567	609,832	642,661	873,970	647,857	4.271,990

3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	TOTAL
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	4,497	5,259	5,894	5,894	5,894	5,894	5,894	39,226
Nefqa amministrattiva oħra	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	2,401
Is-subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	4,840	5,602	6,237	6,237	6,237	6,237	6,237	41,627

Barra l-INTESTATURA 5²⁵ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	2,500	2,700	2,700	2,800	2,900	2,900	3,000	19,500
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	7,340	8,302	8,937	9,037	9,137	9,137	9,237	61,127
--------------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--------

²⁵

L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji "BA" preċedenti), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

3.2.3.2. Ħtiġijiet stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn punt deċimali wieħed)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
• Il-karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
02 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	28	34	39	39	39	39	39
02 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	-	-	-	-	-	-	-
02 01 05 01 (Riċerka indiretta)	-	-	-	-	-	-	-
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time: UEF)²⁶							
02 01 02 01 (AK, INT, ENS mill-“pakkett globali”)	14	14	14	14	14	14	14
02 01 02 02 (AK, INT, JED, AL u ENS fid-delegazzjonijiet)	-	-	-	-	-	-	-
02 01 04 yy²⁷	-	-	-	-	-	-	0
	-	-	-	-	-	-	0
02 01 05 02 (AK, INT, ENS - Riċerka indiretta)	-	-	-	-	-	-	-
10 01 05 02 (AK, INT, ENS - Riċerka diretta)	-	-	-	-	-	-	-
Linji tal-baġit oħrajn (speċifika)	-	-	-	-	-	-	-
TOTAL	42	48	53	53	53	53	53

Ir-riżorsi umani meħtieġa għandhom jiġu milqugħa mill-persunal tad-DĠ, li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie allokat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni taħt il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Ir-riżorsi umani attwali fl-2013 huma ta' 29UEF (17-il Kariga tal-pjan ta' stabbiliment u 12-il-Membru tal-Persunal estern): iż-żieda progressiva sa 53 UEF (+ 22 Kariga tal-pjan ta' stabbiliment u + 2 Membri tal-Persunal estern) għandhom ikunu koperti kif ġej: Wara r-reviżjoni fuq l-2016 tal-ftěhimiet ta' delega eżistenti kollha, valutazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi allokat li hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-oġettivi jistgħu jintlaħqu bil-persunal fil-kariga. Iċ-ċifri attwali għall-2016-2019 huma indikattivi u jistgħu jiġu riveduti.

- għat-22 kariga addizzjonali tal-pjan ta' stabbiliment (EPP); 8 jkunu koperti permezz ta' skjerament mill-ġdid ġewwa d-Direttorat G tad-DĠ Intrapriża (huwa previst li ssir organizzazzjoni mill-ġdid biex l-attivitajiet tal-politika tal-Ispazju jingħaqdu mal-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp tal-Ispazju), 4 EPP oħrajn ikunu koperti permezz ta' riallokkazzjoni ġewwa d-DĠ Intrapriża. L-10 EPP addizzjonali li jifdal għandhom ikunu koperti mir-raggruppament ta' allokkazzjoni mill-ġdid mill-Kummissjoni u/jew

²⁶ AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija (“Intérimaire”); JED= “Jeune Expert en Délégation” (Esperti Żgħażaġħ f'Delegazzjonijiet); AL= Aġent Lokali; ENS = Esperti Nazzjonali Sekondati;

²⁷ Taħt il-limitu ta' persunal estern minn approprijazzjonijiet operattivi (dawk li kienu linji “BA”).

minn persunal issekondat (mis à disposition) minn DGs involuti fil-programm Copernicus kif kien previst bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien tal-GMES mill-2006 (C(2006)673). Se tiġi ppreżentata proposta ta' emenda ta' din id-deċiżjoni.

- għall-persunal estern: 2 UEF addizzjonali mitluba fl-2014 se jkunu koperti minn riallokazzjoni intern; u, jekk meħtieġ; riżorsi addizzjonali jistgħu jintalbu wara r-reviżjoni tal-2016 u għandhom jingħataw lid-DĠ Intrapriża skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	- Jippreparaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-programm inkluża d-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-utenti; - Jagħżlu korpi delegati; - Jinnegożjaw ftehimiet ta' delega (żieda ta' 6 darbiet) - Jissorveljaw korpi ta' delega (żieda ta' 4 darbiet); - Jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-baġit b'mod indirett - Jipprovdu analiżi legali u regolatorja li tappoġġja l-proċess ta' tfassil tal-politika; - Jiżguraw il-konformità ta' soluzzjonijiet proposti mar-regoli applikabbli; - Jiggarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba u jlestu t-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-ġestjoni tal-kuntratti; - Iwettqu attivitajiet meħtieġa biex jiġi żgurat il-kontroll effiċjenti tal-ispejjeż; - Isegwu l-kooperazzjoni internazzjonali u jinnegożjaw ftehimiet internazzjonali - Jimmonitorjaw aspetti ta' sigurtà Copernicus - Iżommu relazzjonijiet ma' Stati Membri, b'mod partikolari l-komponent fil-post - Valutazzjoni u mitigazzjoni tar-riskju (akkumulat minħabba l-esponiment finanzjarja tal-pakkett imsaħħaħ) - Relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill skont l-Artikoli 58, 60-61 tar-Regolament Finanzjarju - Il-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet u r-relazzjonijiet mal-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri - Il-Politika tad-dejta u l-infurzar tagħha mill-partijiet interessati kollha - Jippromwovu l-adozzjoni tal-utent fl-Istati Membri
Persunal estern	Appoġġ għall-kompiti deskritti hawn fuq

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti

- ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni ta' strumenti ta' flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali²⁸.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:
- ☐ Il-programm se jkun miftuħ għal parteċipazzjoni iżda għadu ma ġie konkluż ebda ftehim formali sa issa.

Approporzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total
<i>Speċifika l-entità ta' kofinanzjament</i>								
TOTAL ta' approporzjonijiet kofinanzjati								

²⁸ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Appropriazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja li għaddejja bħalissa	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁹						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm hemm bżonn kolonni biex jiġi rifless it-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwat(i).

Speċifika l-metodu għall-ikkalkular tal-impatt fuq id-dħul.

²⁹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazju, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.